# KUMMISSJONI DWAR IL-VJOLENZA DOMESTIKA

**Rapport Annwali**

**Marzu 2008 – Frar 2009**

# Werrej


| | | Paġna |
|---|---|---|
| Messaġġ – Ministru għall-Politika Soċjali | | **5** |
| Daħla – Chairperson | | **6** |
| 1. | Introduzzjoni | **7** |
| 2. | Definizzjoni | **7** |
| 3. | Il-Kummissjoni | **7** |
| 4. | Funzjonijiet | **7** |
| 5. | Kompożizzjoni tal-Kummissjoni | **7** |
| 6. | Uffiċċju tal-Kummissjoni | **8** |
| 7. | Laqgħat tal-Kummissjoni | **8** |
| 8. | Is-Sottokumitati | **8** |
| 9. | Finanzi | **9** |
| 10. | Attivitajiet | **9** |
| 11. | Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-Vjolenza Domestika | **10** |
| 11.1 | Miżuri legali u miżuri ta' politika | **10** |
| 11.2 | Sostenn u protezzjoni għall-vittmi | **11** |
| 11.3 | Ġbir ta' informazzjoni | **13** |
| 11.4 | Tkabbir tal-konoxxenza | **14** |
| 12. | Tkabbir tal-konoxxenza | **16** |
| 12.1 | Tkabbir tal-Konoxxenza u Kollaborazzjoni: Professjonisti u Partijiet Interessati Oħra | **16** |
| 12.1.1 | Preżentazzjonijiet | **16** |
| 12.1.2 | Komunikazzjoni mal-Ġudikatura | **16** |
| 12.2 | Tkabbir tal-konoxxenza: Iċ-ċittadini | **16** |
| 12.3 | Websajt | **17** |
| 13. | Żvilupp tas-Servizz u tal-Linji ta' Politika | **17** |
| 13.1 | Laqgħat mal-Aġenzija msemmija responsabbli għall-organizzazzjoni ta' programmi ta' prevenzjoni, terapija u/jew ta' kura għall-vittmi u awturi ta' vjolenza domestika | **17** |
| 13.2 | Parteċipazzjoni fil-Kumpilazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Inklużjoni Soċjali | **17** |
| 13.3 | Laqgħa mal-Onorevoli Ministru John Dalli, Ministru għall-Politika Soċjali | **17** |
| 13.4 | Laqgħa mal-Onorevoli Ministru Carmelo Mifsud Bonnici, Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern | **18** |
| 13.5 | Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa, l-Onorevoli Dr Joseph Cassar | **18** |
| 13.6 | Reviżjoni tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika | **19** |
| 13.7 | Kuntatt mal-forum ta' min jaħdem fil-qasam tal-vjolenza domestika | **19** |
| 13.8 | Kuntatt mal-Fondazzjoni Richmond | **19** |
| 13.9 | Kuntatt mal-Kummissarju tal-Pulizija | **19** |
| 14. | Proġetti tal-UE u Internazzjonali | **19** |
| 14.1 | Fond Soċjali Ewropew | **19** |
| 14.2 | Il-Programm DAPHNE III, 2007-2013 | **20** |
| 14.3 | Grundtvig 3 | **20** |
| 14.4 | Il-Kampanja tal-Kunsill tal-Ewropa | **21** |
| 14.4.1 | Konferenza għall-Focal Points Nazzjonali | **21** |
| 14.4.2 | Konferenza tal-Għeluq tal-Kunsill tal-Ewropa | **21** |
| 14.4.3 | Rapport għall-Kunsill tal-Ewropa | **21** |
| 14.5 | WaVe Women against violence Europe | **21** |
| 14.6 | Dokument tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-riżoluzzjoni GA 63/134 | **21** |
| 14.7 | Kwestjonarju tal-Għaqda Dinija tas-Saħħa | **21** |
| 14.8 | Kwestjonarju tal-Kunsill tal-Ewropa | **21** |
| 14.9 | Kwestjonarju tal-Assoċċjazzjoni Prtugiża dwar il-Victim Support | **22** |
| 15. | Riċerka u Statistika | **22** |
| 16. | Konklużjoni | **23** |

**Appendiċi**


**Appendiċi A** **25**
Rapport Finanzjarju

**Appendiċi B** **26**
Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz – Rapport tas-Sottokumitat

**Appendiċi Ċ** **28**
Sottokumitat dwar ir-Riċerka u t-Tqabbil tad-Data – Rapport tas-Sottokumitat

**Appendix D** **30**
Sottokumitat għal Kampanja Nazzjonali ta' Informazzjoni – Rapport tas-Sottokumitat

**Appendiċi E** **32**
Rapport 2008/09 dwar il-Grupp DAPHNE mwaqqaf mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika

**Appendiċi F** **33**
Suġġerimenti għal titjib tal-Qafas Ġuridiku li għandhom x'jaqsmu mal-Vjolenza Domestika

**Appendiċi Ġ** **35**
Rapport tas-Seminar – Working together to combat Domestic Violence – 2008

# Messaġġ



> "Dawn l-aġenziji kollha jipprovdu servizzi professjonali"

Il-vjolenza domestika mhix fenomenu ġdid f'Malta u ilhom jiġu provduti servizzi fis-settur għal ħafna snin. Il-qasam tal-vjolenza domestika jeħtieġ attenzjoni partikolari u fl-aħħar snin ġiet imsaħħa l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika bil-leġiżlazzjoni kontra din l-azzjoni u billi żdied għarfien fis-soċjetà.

Anki jekk ir-responsabbiltajiet tal-Ministeru tiegħi huma wiesa u varji, aħna nagħtu l-attenzjoni mistħoqqa lill-qasam tal-vjolenza domestika. Fil-fatt, permezz tal-Kummissjoni għall-Vjolenza Domestika, il-Gvern qed iniedi kampanja oħra kontra dan l-abbuż. Il-ħsieb tal-Gvern huwa li jkompli joħloq għarfien dwar din il-problema soċjali, li ħafna drabi tibqa' mistoħbija wara bibien magħluqa, u jinħoloq għarfien dwar is-servizzi offruti mill-gvern u NGOs oħra.

Sabiex jinkisbu riżultati tajba f'din il-kampanja nazzjonali li ser issir huwa wkoll importanti li niżguraw li r-riżorsi eżistenti huma wżati b'mod effettiv u effiċjenti, speċjalment l-entitajiet differenti għandhom jiġu inkoraġġuti li jaħdmu flimkien. Dan għandu jnaqqas il-burokrazija bla bżonn, li jwassal biex ir-riżorsi jagħtu aktar xogħol effettiv.

Tletin sena ilu, s--Sorijiet tal-Bon Pastur kienu minn tal-ewwel li offrew kenn residenzjali (Merħba Bik), li għadha teżisti, għal nisa li jaħarbu minn sitwazzjonijiet abbużivi. Minn dakinhar organizzazzjonijiet oħra, inkluż l-istat, żviluppaw diversi servizzi diretti sabiex tintlaħaq id-domanda li tirriżulta miż-żieda tal-għarfien tal-problema.

Dawn jinkludu: servizz ta' 24 siegħa ta' helpline bit-telefon, Supportline 179, operat minn voluntiera mħarrġa taħt id-direzzjoni ta' Appoġġ (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali); sezzjoni speċjalizzat fix-xogħol soċjali fi ħdan Appoġġ; xelter (Ghabex) wkoll mmexxija minn Appoġġ; xelter it-tieni stadju (xelter Programm Sebh, Dar Qalb ta' Gesu') li hu mmexxi minn Ejjew Għandi (id-djar tat-tfal tal-Knisja) u hostel għan-nisa (Dar Tereza Spinelli) immexxija mill-NGO Fondazzjoni Suret il-Bniedem.

Dawn l-aġenziji kollha jipprovdu servizzi professjonali u r-riżultati miksuba minn dawn l-aġenziji tal-gvern u l-NGOs juru d-dedikazzjoni u l-professjonalità ta' dawk li jipprovdu is-servizzi f'dan il-qasam.

Il-servizzi tal-Vjolenza Domestika li huma mxejjiha mill-Appoġġ joffru lill-vittmi tal-vjolenza domestika u lit-tfal tagħhom, servizzi professjonali, gwida u appoġġ biex jgħinu lil dawn in-nies matul iż-żmien ta' kriżi tagħhom billi jiġi mfassal pjan ta' servizz apposta sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet soċjali u emozzjonali tagħhom.

Barra minn hekk is-servizzi offruti lill-vittmi tal-vjolenza domestika jinkludu sessjonijiet ta' taħriġ soċjali biex issaħħaħ u jinkoraġġixxi self empowerment, li nemmen li huwa l-aħjar metodu li tgħin lin-nies ikomplu bil-ħajja ta' kuljum tagħhom mingħajr ma jħossuhom mhedda u/jew anomic fis-soċjetà tagħna.

Il-Gvern huwa attur ewlieni sabiex jiġu provduti s-servizzi u permezz tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika għandu jiġi jikkoordinati s-servizzi offruti lill-pubbliku u jiżguraw li s-servizzi mogħtija jkunu ta' livell professjonali. Il-Gvern huwa impenjat li mhux biss jgħin lill-vittmi tal-vjolenza domestika mill-lat soċjali imma ukoll mill-lat legali wkoll. Dawn is-servizzi jinkludu s-servizzi tal-pulizija, is-servizzi ta' avukat legali u s-servizzi tal-qorti, fost l-oħrajn.

Aħna impenjati biex ngħinu lin-nies li jsofru minn vjolenza domestika iżda mhux biss biex ngħinuhom joħorġu mis-sitwazzjoni preżenti tagħhom, iżda wkoll li jingħataw l-opportunità li jibnu ħajja ġdida u indipendenti.

**Is-Sur John Dalli**
Ministru għall-Politika Soċjali

# Daħla



> **“Waqqafna fond privat li jipprovdi protezzjoni tal-pulizija għall-ħaddiema ”**

Sena oħra, rapport ieħor ... Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika issa ila mwaqqfa għal dawn l-aħħar tliet snin, għalhekk dan hu it-tielet rapport tagħna. Meta wieħed iqis li l-membri tal-Kummissjoni kollha għandhom impjiegi ‘propji’ u li x-xogħol msemmi hawnhekk irrid isir b’mod addizzjonali għall-impjieg ‘propji’ tagħhom , inħoss li huwa ġust li wieħed jgħid li kollox ma’ kollox sar ħafna xogħol. Bejn il-laqgħat plenarji tal-Kummissjoni u d-diversi sottokumitati u task groups saru total ta’ erbgħa u ergħbin laqgħa li jinvolvu aktar minn tletin ruħ, ħin li jingħata mill-ħin liberu tagħhom sabiex tiġi miġġlieda l-vjolenza domestika u tittejjeb il-ħajja ta’ dawk li jaħarbu l-vjolenza domestika jew ta’ dawk li jgħixu fiha. Lilkom kollha jien inwasslilkom il-gratitudni tiegħi.

Bħala riżultat tal-ħidma ta’ dawn in-nies, fit-tmiem ta’ dan l-ewwel terminu uffiċjali tagħna, nistgħu nirrappurtaw xi xogħol konklużiv, ħidma oħra li għaddejja, u aktar xogħol ippjanat. Irnexxielna niksbu taħriġ għall-ħaddiema soċjali fil-qasam u qegħdin fil-proċess tan-negozjati sabiex jinkiseb aktar taħriġ. Waqqafna fond privat li jipprovdi protezzjoni tal-pulizija għall-ħaddiema u għal dawk li jużaw is-servizzi u ieħor sabiex jinxtara servizz ta’ konsultazzjoni għall-ħaddiema fi kwistjonijiet relatati mas-saħħa mentali ta’ dawk li jużaw is-servizzi. Importanti ukoll huwa li ġie organizzat seminar u konna fortunati li jkollna lill-Imħallef Sylvia Thaller mill-Awstrija bħala l-kelliema ewlienija. Għal dan is-seminar attendew numru mhux ħażin ta’ nies mid-diversi professjonijiet li jaħdmu fil-qasam, u r-rispons kien li aktar attivitajiet bħal dawn huma meħtieġa. Aħna wkoll kkummissjonajna studju dwar il-perċezzjonijiet tal-pubbliku ġenerali dwar il-vjolenza domestika biex inkunu infurmati aħjar fir-rigward sabiex titqajjem kuxjenza dwar is-suġġett. Aħna ingħatajna flus mill-Fond Soċjali Ewropew għall-proġett tagħna, ‘Dignity for Domestic Violence Survivors’, u nistennew bil-ħerqa li nibdew naraw il-frott ta’ dan fis-sena li ġejja.

Hemm ħidma għaddejja li jinkludu negozjati mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data kif ukoll aġenziji varji għall-armonizzazzjoni tad-data fil-qasam tal-vjolenza domestika. Qed jiġi msejjaħ grupp ta’ aġenziji rilevanti sabiex tintefa’ applikazzjoni għall-fondi mill-programme DAPHNE li minnhu jibbenefikaw kemm il-ħaddiema kif ukoll għal dawk li juzaw id-diversi servizzi. Qed jiġi żviluppat il-‘Pjan ta’ Azzjoni’ li huwa mimli bi pjanijiet kemm għal xogħol kontinwu u għal quddiem.

Il-membri preċedenti tal-Kummissjoni kollha ġew appuntati mill-ġdid għal tlett snin li ġejjin, flimkien ma’ membru addizzjonali, sabiex jitkompla t-twettiq tax-xogħol li hemm ippjanat. Għalhekk, hekk kif spiċċa l-ewwel terminu tagħna, u qed jibda t-tieni terminu nistgħu ngħidu li l-affarijiet qegħdin jiċċaqilqu, kultant bil-mod, kultant b’ritmu mgħaġġel, imma żgur ‘l quddiem.

**Dr Marceline Naudi**
Chairperson

# 1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika ġiet mwaqqfa bl-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika, Kapitlu 481 fl-1 ta' Marzu 2006[1]. Ir-rwol ewlieni tal-Kummissjoni huwa dak li tagħti parir lill-Ministru responsabbli għall-politika soċjali fuq kull aspett tal-vjolenza domestika.

# 2. Definizzjoni

Fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika, 'vjolenza domestika', hija mfissra bħala kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor.

# 3. Il-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ilha tiffunzjona għal dawn l-aħħar tliet snin u t-terminu tagħha jispiċċa fis-27 ta' Frar 2009.

# 4. Funzjonijiet

Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika huma stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-imsemmi Att Dwar il-Vjolenza Domestika, kif indikat hawn taħt.

"Il-Kummissjoni għandu jkollha l-funzjoni li tagħti parir lill-Ministru fuq kull aspett tal-vjolenza domestika u b'mod partikulari fuq:

(a) it-tkabbir tal-konoxxenza u l-għarfien tal-vjolenza domestika u dwar il-fastidju u l-konsegwenzi li dawn iġibu u fuq il-modi u l-miżuri biex jitnaqqas l-għemil tagħhom;
(b) oqsma ta' vjolenza domestika li hu meħtieġ jew mixtieq li ssir riċerka fuqhom;
(c) l-istrateġiji biex tiġi esposta l-vjolenza domestika u biex jiġi ffaċilitat l-intervent ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati fir-rigward ta' vittmi u awturi ta' vjolenza bħal dik;
(d) l-edukazzjoni tal-pubbliku fuq l-aspetti kollha tal-vjolenza domestika;
(e) il-modi kif tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati li jkunu involuti fit-teħid ta' azzjoni kontra l-vjolenza domestika;
(f) standards għal faċilitajiet ta' kura għal vittmi u awturi ta' vjolenza domestika, inklużi servizzi jew faċilitajiet ta' kenn pubbliċi jew privati;
(g) standards u protokolli għall-operaturi;
(h) il-proċeduri għall-koordinament effettiv f'livell nazzjonali tal-attivitajiet ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati mqabbdin fl-għoti ta' servizzi dwar materji ta' vjolenza domestika inklużi servizzi ta' sostenn;
(i) pjan komprensiv u koordinat għall-ġbir ta' informazzjoni dwar vjolenza domestika biex din tintuża mill-qrati, prosekuturi, uffiċjali għall-infurzar tal-liġi, operaturi tal-kura fis-saħħa, opera turi soċjali u aġenziji u entitajiet oħra b'mod li tiġi protetta l-identità tal-vittmi ta' vjolenza domestika;
(j) l-iżvilupp ta' pjan komprensiv għal programm multidixxiplinarju ta' prevenzjoni attiva u ta' intervent kmieni;
(k) it-taħriġ speċjalizzat għall-gruppi professjonali involuti; u
(l) il-konsultazzjoni li ssir u nisġa ta' komunikazzjoni ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti oħra."

# 5. Kompożizzjoni tal-Kummissjoni

F'din l-aħħar sena, bħas-sena ta' qabel, il-Kummissjoni kienet komposta minn chairperson u sitt membri. Il-membri għenu sabiex issaħħu il-Kummissjoni bil-kompetenzi speċifiċi rilevanti u l-esperjenza li tvarja minn esperjenza diretta fuq il-post tax-xogħol għal-linji ta' politika, provvediment tas-servizzi, ippjanar u riċerka. B'hekk kompla t-tagħlim f'dan il-qasam u minn xulxin. Bħas-snin ta' qabel, Għawdex kien ukoll irrapprezentat sabiex ikun żgurat li tiġi ndirizzata l-qagħda speċifika tiegħu.

Il-Kummissjoni bdiet din is-sena bil-membri li jidhru hawn taħt, li kollha kemm huma kienu għadhom qed jokkupaw il-kariga fl-aħħar tas-sena:

*[1] Jista' jkun hemm aċċess għal-Liġi fuq www.domestiviolence.gov.mt*

Chairperson
Dr Marceline Naudi Ph.D(Manchester), M.A.(Bradford), B.A.

Membri
Is-Sinjura Maria Attard M.A.T.C.
Is-Sur Albert Bell BA (Gen.), BA (Hons.), MA (Reading for a Ph.D)
L-Ispettur Louise Calleja Dip in Mngt. Studies, (Reading an MBA)
Sr Joan Garner RGS. MQR.
Dr Roberta Leprè Camilleri B.A., LL.D
Is-Sur Cornelius Mulvaney Dip.Family Therapy (UK); CQSW (UK)

F'dan il-mument il-Kummissjoni għandha membru inqas minn meta ġiet kostitwita oriġinarjament.

Il-Kummissjoni hija wkoll megħjuna mis-Sinjura Doris Vassallo, DPA, li twettaq il-funzjoni ta' segretarja tal-Kummissjoni.

# 6. Uffiċċju tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni kompliet tlesti l-uffiċċju li kien ġie allokat fi Blokk C Beltissebħ, il-Furjana skont il-ħtieġa. Il-Kummissjoni kompliet tiġbor films, kotba u dokumenti rilevanti għall-Librerija.

# 7. Laqgħat tal-Kummissjoni

Bejn Marzu 2008 u Frar 2009 il-Kummissjoni ltaqgħet disa' darbiet, kif jidher hawn taħt:

| | **Data** | **Attendenza** |
|---|---|---|
| Laqgħa Nru 3/08: | It-Tlieta, 15 ta' April 2008 | 5/7 |
| Laqgħa Nru 4/08: | Il-Ġimgħa, 16 ta' Mejju 2008 | 5/7 |
| Laqgħa Nru 5/08: | L-Erbgħa, 18 ta' Ġunju 2008 | 6/7 |
| Laqgħa Nru 6/08: | L-Erbgħa, 23 ta' Lulju 2008 | 4/7 |
| Laqgħa Nru 7/08: | It-Tnejn, 15 ta' Settembru 2008 | 5/7 |
| Laqgħa Nru 8/08: | It-Tlieta, 21 ta' Ottubru 2008 | 5/7 |
| Laqgħa Nru 9/08: | It-Tlieta, 02 ta' Diċembru 2008 | 4/7 |
| Laqgħa Nru 1/09: | L-Erbgħa, 07 ta' Jannar 2009 | 4/7 |
| Laqgħa Nru 2/09: | Il-Ħamis, 12 ta' Frar 2009 | 5/7 |

Kull laqgħa damet bejn sagħtejn u tliet sigħat. Il-laqgħat saru fl-uffiċċju tal-Kummissjoni fi Blokk C, Beltissebħ, il-Furjana. It-Tnejn 12 ta' Jannar 2009 saret laqgħa ad hoc sabiex jiġu diskussi amendi għal-Liġi dwar il-Vjolenza Domestika.

# 8. Is-Sottokumitati

Matul din l-aħħar sena, il-Kummissjoni laqqgħet id-diversi sottokumitati u gruppi li waqqfet fi ħdana, kif jidher bnadi oħra f'dan ir-rapport. Dawn jinkludu:

- Is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz[2] - dan is-sottokumitat hu magħmul minn ħaddiema f'dan il-qasam li jirrappreżentaw lid-diversi entitajiet li jipprovdu is-servizz. Dan is-sottokumitat jiltaqa' regolarment sabiex jiddiskuti l-oqsma dwar il-prattika, il-problemi u s-soluzzjonijiet.

- Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u t-Tqabbil tad-Data[3] – dan is-sottokumitat hu magħmul minn rappreżentanti mis-sezzjonijiet dwar ir-riċerka/data minn diversi entitajiet li jmissu mal-qasam tal-vjolenza domestika.

- Is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza[4] – matul din is-sena, dan is-sottokumitat ma ltaqax għar-raġunijiet kif msemmija f'taqsima oħra, iżda hemm il-ħsieb li dan is-sottokumitat ser jerġa' jiltaqa' s-sena li ġejja. Dan is-sottokumitat ser ikollu rappreżentanti mis-sezzjoni tal-kommunikazzjoni tal-Ministeru dwar il-Politika Soċjali u mill-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali (l-aġenzija msemmija).

- Il-Grupp dwar il-Programm DAPHNE[5] – dan il-grupp hu magħmul minn rappreżentanti

*[2]Ara rapport tas-Sottokumitat Appendiċi B*
*[3]Ara rapport tas-Sottokumitat Appendiċi C*
*[4] Għar-rapport tas-Sottokumitat ara Appendiċi D*
*[5] Għar-rapport dwar Daphne Group ara Appendici E*

minn diversi entitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tal-vjolenza domestika, li kienu nteressati u eliġibbli sabiex japplikaw għall-Fondi tal-Unjoni Ewropeja taħt il-programm DAPHNE III.

- Task group dwar Seminar[6] – dan il-grupp fi ħdan il-Kummissjoni ltaqa' diversi drabi sabiex jorganizza l-elementi prattiċi tas-seminar li sar f'Novembru.

- Task group Sexual Assault Response Team – dan it-task group ser jiġi mwaqqaf fiż-żmien li ġej. Ir-rappreżentanti f'dan il-grupp ser ikunu mill-entitajiet ewlenin u ser iħares lejn il-possibbiltà li jitwaqqaf sexual assault response team li jkun effettiv u sensitiv għal din il-problema u li jkun joppera mill-isptar Mater Dei.

B'kollox kienu nżammu erbgħa u erbgħin laqgħa fis-sena li jikkonċerna dan ir-rapport, li jinvolvu tletin persuna.

# 9. Finanzi

F'Jannar 2008, il-Kummissjoni ġiet allokata baġit ta' €47,000 li minnu tħallsu l-onorarji taċ-chairperson u tal-membri tal-Kummissjoni ekwivalenti għal €2,329.37 u €1,747.03. Il-parti l-kbira ta' dak li kien fadal, jiġifieri €42,923, intużaw mill-Kummissjoni għad-diversi proġetti tagħha kif ġej: seminar li kien jinkludi kelliema barrannija; kontribuzzjonijiet għall-fondi li ġew mwaqqfa bil-kollaborazzjoni ta' diversi entitajiet. Dawn jinkludu fond sabiex tiġi provduta protezzjoni mill-pulizija lill-persuni li għaddew minn esperjenza ta' vjolenza domestika meta jkollhom jattendu seduti tal-Qorti kif ukoll sabiex jingħata sapport lill-ħaddiema fil-qasam tal-vjolenza domestika li jkollhom x'jaqsmu ma' każi ta' nisa li jkollhom problemi ta' saħħa mentali. Tkompla ukoll it-tagħmir tal-uffiċċju tal-Kummissjoni.[7]

F'Jannar 2009 il-Kummissjoni ġiet allokata baġit ta' €47,000 sabiex tkompli twettaq il-xogħol tagħha fil-qasam tal-vjolenza domestika.

# 10. Attivitajiet

Bejn Marzu 2008 u Frar 2009, iċ-chairperson u l-membri tal-Kummissjoni għal darb'oħra kienu mistiedna jattendu u jieħdu sehem f'numru ta' seminars, konferenzi u attivitajiet oħrajn, skont kif jidher hawn taħt. Għad-diversi attivitajiet li tiġi mistiedna għalihom, il-Kummissjoni dejjem tipprova mill-aħjar li tista' li tkun rappreżentata minn mill-inqas membru wieħed jew aktar, inkluża s-segretarja tal-Kummissjoni. Il-parteċipazzjoni tal-membri fid-diversi seminars għenet biex il-Kummissjoni tgħolli l-profil tagħha u tenfasizza l-importanza tal-vjolenza domestika bħala kwistjoni ta' tħassib f'Malta, kif ukoll biex tiġbor informazzjoni utli, u tkun tista' tagħmel kuntatti u tikkopera ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali.

- Focus Group dwar l-immigrazzjoni illegali kien organizzat nhar l-Erbgħa 05 ta' Marzu, 2008 mid-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programm fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali.

- Focus Group dwar id-diżabilità kien organizzat nhar il-Ġimgħa 07 ta' Marzu, 2008 mid-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programm fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali.

- Focus Group dwar addictive behaviour kien organizzat nhar l-Erbgħa 30 ta' April, 2008 mid-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programm fi ħdan il-Ministeru tal-Politika Soċjali.

- Il-Konferenza Finali dwar il-Gender Aspect from a Legal Perspective organizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza nhar il-Ġimgħa 16 ta' Mejju 2008.

- Seminar bl-isem ta' 'Try to understand' Sexual and gender-based violence in the context of Mediterranean arrivals organizzat mill-JRS Malta u UNHCR Malta fis-Sala tal-Konferenzi, fil-Kumpless Sportiv ta' Saint Aloysius, Birkirkara nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju 2008.

- Laqgħa għal dawk kollha li jipprovdu servizz lir-refuġjati organizzat mill-UNHCR fil-Lukanda Coastline, is-Salina nhar it-Tnejn 09 ta' Ġunju 2008.

- Seminar bħala parti mill-proġett DAPHNE fuq Date Rape Cases amongst young women and the development of Strategies for Support and Prevention kien organizzat mill-Istitut tal-Istudji Forensiċi, l-Università ta' Malta nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju 2008

*[6] Għar- rapport dwar is-Seminar ara Appendiċi Ġ*
*[7] Ara rapport finanzjarju ara appendiċi A*

- Konferenza Live Quality organizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza fil-Lukanda Victoria, Tas-Sliema nhar l-Erbgħa 14 ta' Jannar 2009.

Il-Kummissjoni kienet mistiedna tattendi wkoll għal numru ta' konferenzi u seminars oħrajn imma sfortunatament ma kinitx f'qagħda li tattendi minħabba nuqqas ta' riżorsi umani.

# 11. Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-Vjolenza Domestika

**Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali**

F'din l-aħħar sena il-Kummissjoni kompliet tibbaża ix-xogħol tagħha fuq il-Blueprint maħruġ mill-Kunsill tal-Ewropa għall-Kampanja sabiex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa, kif ukoll il-vjolenz domestika.

## 11.1 Miżuri legali u miżuri ta' politika

Kif intqal fis-snin li għaddew, diversi sottotitli li jaqgħu taħt din il-miżura diġà sar xogħol fuqhom f'Malta filwaqt li oħrajn jeħtieġu li naħdmu fuqhom inkluż li jiġu osservati u riveduti l-liġijiet u l-miżuri stipulati mil-liġi.

| | **Azzjoni** |
|---|---|
| • reviżjoni tal-liġi – identifikazzjoni ta' nuqqasijiet fil-protezzjoni tan-nisa f'kull forma ta' vjolenza domestika; | |
| 1.1 Għalkemm is-sena l-oħra, minħabba li l-liġi kienet għada ġdida, nħass li kien għadu kmieni sabiex tinbeda r-reviżjoni tal-liġi. F'din l-aħħar sena l-Kummissjoni għamlet diversi rakkommandazzjonijiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali.[8] Qed jiġi ssuġġerit ukoll li jkun hemm struttura permezz ta' twaqqif ta' sottokumitat biex b'hekk ikun hemm osservazzjoni u evalwazzjoni kontinwa tal-liġi. | Twaqqaf tas-Sottokumitat mill-Kummissjoni |
| 1.1.2 Barra dan, minħabba l-importanza tal-liġi fir-rigward tal-vjolenza domestika, il-Kummissjoni ssuġġerit li rappreżentant tal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern jiġi kkooptjat fil-Kummissjoni bħala osservatur. Dan għandu jwassal biex ikun hemm aktar koperazzjoni bejn iż-żewġ ministeri fir-rigward tal-vjolenza domestika. | Il-Kummissjoni ser tavviċina il-Ministeri kkonċernati |
| • tistabbilixxi protezzjoni legali effettiva, inkluż l-ordnijiet ta' protezzjoni, għan-nisa kollha vittmi tal-vjolenza domestika, u osservazzjoni evalwazzjoni kontinwa għall-implimentazzjoni effettiva; | |
| 1.2 Fir-rigward tal-osservazzjoni u l-evalwazzjoni għall-implimentazzjoni effettiva tal-ordinijet ta' protezzjoni, il-Kummissjoni qed taħdem sabiex jitwaqqaf il-focal point sabiex tinġabar l-istatistika, u dan jinkludi l-istatistika miġbura. | Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u t-Tqabbil ta' Data |
| • tassigura li l-liġijiet tal-immigrazzjoni u l-proċeduri amministrattivi ma jostakolawx lin-nisa li jridu jaħarbu minn relazzjoni vjolenti minħabba l-biża' ta' deportazzjoni; li jitilfu l-istat legali jew li l-kustodja tat-tfal tiġi revokata; | |
| 1.3 Ġie ssuġġerit li l-Kummissjoni għandha taħdem mal-aġenżiji li jaħdmu fil-qasam tal-immigrazzjoni (bħal OIWAS; JRS; etc.) sabiex tassigura li l-liġijiet tal-immigrazzjoni u l-proċeduri amministrattivi ma jostakolawx lin-nisa milli jaħarbu minn relazzjoni vjolenti minħabba l-biża' ta' deportazzjoni, li jitilfu l-istat legali, jew li l-kustodja tat-tfal tiġi revokata. Jekk ikun hemm il-bżonn, għandhom isiru l-emendi neċessarji fil-liġi preżenti. Il-Kummissjoni diġà qegħda taħseb fil-possibbiltà li titqajjem kuxjenza dwar il-kwistjoni ta' vjolenza domestika fost ir-refuġjati u fost il-komunità ta' dawk li qed iffittxu refuġju. Dan qed isir permezz ta' koperazzjoni fl-istampar u tqassim ta' fuljett li qed jiġi ppreparat mill-JRS dwar din il-kwistjoni. | Il-Kummissjoni/ is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konnoxxenza |

*[8] Ara Appendiċi F*

**Azzjoni**

• Identifikazzjoni u tħejjija ta' miżuri sabiex jiżdied in-numru ta' rapporti, prosekuzzjoni u sanzjonijiet għal dawk li jwettqu vjolenza domestika fuq in-nisa;

1.4 Fir-rigward sabiex jiżdiedu r-rapporti, il-prosekuzzjoni u s-sanzjonijiet għal dawk li jwettqu vjolenza domestika fuq in-nisa, l-linji gwida li nħarġu wara li saru l-emendi fil-liġi b'riżultat tal-liġi dwar il-Vjolenza Domestika 2006, iridu jiġu mħarsa aħjar, kif ukoll titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali fuq dawn il-bidliet, u fuq id-drittijiet tal-vittmi. Jekk jinħass il-bżonn, jiġu rrakkommandati li jsiru xi bidliet.

Il-Kummissjoni/ is-Sottokumitat il-ġdid dwar ir-reviżjoni tal-liġi/ is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konnoxxenza

1.4.1 Ġbir u osservazzjoni ta' din id-data huma neċċessarji.

Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u t-Tqabbil ta' Data

• Provediment ta' għajnuna legali, sapport psiko-soċjali lill-vittmi u garanzija ta' protezzjoni lix-xhieda;

1.5 L-għajnuna legali diġà qed tiġi provduta lill-vittmi, iżda hemm il-bżonn li tiġi osservata minħabba li qed isiru diversi lmenti. Qed jiġi ssuġġerit li ssir evalwazzjoni tas-sistema ta' għajnuna legali preżenti.

Il-Kummissjoni/ is-Sottokumitat il-ġdid dwar ir-reviżjoni tal-liġi/

1.5.1 Fir-rigward tas-sapport psiko-soċjali, diversi drabi l-Kummissjoni qajmet il-punt dwar il-bżonn ta' aktar riżorsi umani (ħaddiema soċjali, psikologisti) fi ħdan l-aġenzija msemmija, Appoġġ, mal-awtoritajiet kompetenti. Din il-kwistjoni ser tibqa' titqajjem.

1.5.2 Bħalissa l-protezzjoni tax-xhieda u għall-vittmi meta jidhru l-Qorti qed tiġi pprovduta permezz ta' twaqqif ta' fond bejn il-Kummissjoni u l-aġenzija msemmija, Appoġġ, sabiex titħallas il-protezzjoni privata tal-pulizija sabiex jiġu akkumpanjati l-Qorti. Dan hu proġett pilota, li ser ikun rivedut fi żmien sena.

• żvilupp ta' assessjar ta' riskju u ppjanar ta' sigurtà bħala proċeduri ta' standard fi prevenzjoni ta' kriminalità sabiex tipproteġi lin-nisa mill-vjolenza, u tassigura li tingħata attenzjoni speċjali lill-vittmi f'riskju ta' vjolenza repetittiva;

1.6 Assessjar ta' riskju u ppjanar ta' sigurtà bħala proċeduri ta' standard fid-Domestic Violence Unit, għalkemm għal dawk in-nisa li jfittxu l-għajnuna hemmhekk, hu ssuġġerit li l-Kummissjoni tista' taħdem id f'id mal-kunsilli lokali u l-pulizija tad-distrett fuq aspetti ta' community policing u neighbourhood watch.

Il-Kummissjoni

## 11.2 Sostenn u protezzjoni għall-vittmi

Għal darb'oħra, hemm diversi sottotitli taħt din il-miżura, li bosta minnhom diġà jeżistu f'Malta, filwaqt li oħrajn jeħtieġu iktar ħidma.

Il-Kummissjoni waqqfet Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz li kien qed jaħdem fuq diversi punti tul din l-aħħar sena kif jidher fir-rapport.

**Azzjoni**

• provediment tar-riżorsi neċessarji għal-linji għal 24 siegħa bla ħlas;

2.1 Grazzi għas-Supportline 179, li hu mmexxi mill-Appoġġ, u jitħaddem minn volontiera mħarrġa. Dan għandna. M'hemmx ħtieġa ta' aktar azzjoni dwar dan.

xejn

• provediment ta' servizzi ta' sapport u avukatura, li jilħqu standards ta' kwalità, għall-vittmi kollha ta' vjolenza u tħeġġeg lin-nisa li jassiguraw li s-servizzi huma aċċessibli għan-nisa kollha, inklużi dawk in-nisa li huma esklużi mis-soċjetà u immigranti riċenti, refuġjati u nisa minn gruppi ta' minorità etnika u nisa b'diżabbilità.

| | Azzjoni |
|---|---|
| 2.2 Il-Kummissjoni ħadet sehem f'diversi konferenzi/seminars dwar ir-refuġjati u l-komunitajiet li qed iffittxu refuġju, iżda għad fadal ħafna xogħol xi jsir f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni ser tikkopera aktar mal-JRS/OIWAS u aġenżiji relevanti oħra. Il-Kummissjoni trid ukoll terġa' tibda taħdem mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabbiltà. | Il-Kummissjoni/ is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konnoxxenza |
| • provediment ta' riżorsi għal numru adekwat ta' xelters mhux perikolużi għan-nisa vittmi ta' vjolenza li jkollhom jaħarbu mill-vjolenza, kif ukoll għas-servizzi ta' avukatura u ċentri ta' kriżi, u provediment ta' dawn is-servizzi bir-riżorsi umani u dawk finanzjarji meħtieġa; | |
| 2.3 Il-Kummissjoni ser tkompli tinsisti għal dan. Barra li kompliet tinsisti sabiex jinstabu ir-riżorsi neċessarji biex wieħed mix-xelters ewlenija jkompli jaħdem, il-Kummissjoni ssieħbet ukoll mal-Victim Sapport Malta sabiex jintalbu fondi sabiex jitwaqqaf ċentru ta' kriżi. Il-Kummissjoni waqqfet ukoll task group sabiex tistħarreġ il-possibbiltà ta' sexual assault response team. | Il-Kummissjoni/ Task Group/ is-sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz |
| 2.3.1 Ġie ssuġġerit li ssir evalwazzjoni ta' stħarriġ tal-ħaddiema li hemm bżonn li jaħdem f'dan is-settur f'Malta u Għawdex, kif ukoll rakkomandazzjonijiet ta' kif wieħed jista' jilħaq dawn il-bżonnijiet. | Il-Kummissjoni / is-sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz |
| • żvilupp ta' settur koordinat speċjalizzat b'dixxiplini varji bir-riżorsi meħtieġa sabiex iżid il-capicity building fl-aġenziji nazzjonali u lokali bħalma huma is-saħħa, il-ġustizzja, il-ħarsien soċjali u l-edukazzjoni, biex b'hekk in-nisa vittmi tal-vjolenza jiġu pprovduti b'sapport immedjat, komprensiv u kordinat. | |
| 2.4 Il-Kummissjoni organizzat seminar bl-isem Working together to combat domestic violence għall-ħaddiema minn diversi setturi, bħalma huma ħaddiema soċjali, pulizija, avukati u oħrajn li jiltaqgħu mal-vjolenza domestika, u ser jiġi pubblikat dak li ntqal waqt is-seminar. Il-vantaġġ ta' taħriġ konġunt ġie enfasizzat bis-sħiħ mill-parteċipanti. | Il-Kummissjoni/ is-sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz |
| 2.4.1 Id-diversi sottokumitati tal-Kummissjoni jipprovdu l-lok għad-diversi setturi sabiex jiltaqgħu u jaħdmu, u dan ser jibqa' jsir. | Id-diversi sottokumitati |
| 2.4.2 Wara evalwazzjoni dettaljata tan-nuqqasijiet irrid issir pjan għal taħriġ maħsub li jibqa' għaddej għal tul ta' żmien (ara 2.3.1 aktar 'il fuq). | Il-Kummissjoni/ is-sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz |
| 2.4.3 It-tfassil ta' protokoli bejn id-diversi servizzi jkunu parti minn dak li hemm ippjanat fil-proġett iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew li l-Kummissjoni impenjat li tagħmel matul is-snin li ġejjin. | Il-Kummissjoni/ Proġett tal-Fond Soċjali Ewropew |
| • torganizza taħriġ dwar il-vjolenza domestika fuq in-nisa għall-professjonisti (bħal pulizija, professjoni medika, uffiċjali ġudizzjarji u oħrajn); | |
| 2.5 Filwaqt li l-Kummissjoni dejjem laqgħet it-talbiet għat-taħriġ (bħal lekċer għall-istudenti tal-liġi tal-aħħar sena; taħriġ għall-Kulleġġ tal-Kappillani; oħrajn) din is-sena ġie organizzat seminar kif imsemmi aktar 'il fuq, inbdew taħdidiet mal-organizzaturi tal-kors Grundtvig li ser issir Malta għall-ħaddiema li jmissu mal-qasam tal-vjolenza domestika. | Il-Kummissjoni |
| 2.5.1 Ara wkoll 2.4.2 u 2.3.1 | |
| • tiġi inkluża l-kwistjoni ta' vjolenza domestika fuq in-nisa bħala waħda mill-vjolazzjonjieti tad-drittijiet umani tan-nisa u bħala kwistjoni ta' saħħa pubblika fil-kurrikulu tal-edukazzjoni ta' kull studju kif ukoll taħriġ għall-uffiċjali tal-ġudikatura u tas-sigurtà, professjonisti fil-kura tas-saħħa, għalliema u oħrajn; | |
| 2.6 Wara l-appelli li saru is-sena l-oħra lill-Fakultajiet tal-Università, din is-sena ntalab li jsir it-taħriġ u ġie provdut lil studenti tal-liġi tal-aħħar sena; nbdew taħdidiet li għadhom sejrin sabiex jingħata taħriġ lis-seminaristi fl-2009; il-prijorità li jmiss għas-sena li ġejja ser ikun taħriġ għall-istudenti għalliema. | Il-Kummissjoni |

| | Azzjoni |
|---|---|
| 2.4.1 Għal quddiem ġie ssuġġerit li l-Kummissjoni tibda taħdidiet ma' diversi dipartimenti tal-Università sabiex jiġi offrut kors ta' post-graduate certificate dwar il-vjolenza domestika lill-professjonisti varji. | Il-Kummissjoni |
| • tinkoraġġixxi f'kull livell ix-xogħol ta' l-NGOs involuti sabiex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa u tistabilixxi koperazzjoni attiva ma' dawn l-NGOs, li jinkludi sapport loġistiku u finanzjarju addattat; | |
| 2.7 Il-Kummissjoni diġà tinkoraġġixxi u tappoġġja, kif ukoll tiddefendi f'isem l-NGOs, permezz tas-sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz; il-forum ta' min jaħdem fil-qasam tal-vjolenza domestika; tiffaċilità l-aċċess għat-taħriġ; il-grupp DAPHNE. Hija ser tibqa' tagħmel dan kif ukoll tipprova ssolvi kwistjonijiet oħra li jkun hemm. | Il-Kummissjoni |
| • provediment ta' sapport finanzjarju, sistemazzjoni ta' djar, drittijiet indipendenti għar-residenza kif ukoll taħriġ u mpjiegi għan-nisa vittmi tal-vjolenza sabiex ikunu jistgħu jiddeċidu huma stess jekk jitilqux lis-sieħeb vjolenti tagħhom; | |
| 2.8 Meta jinbeda l-proġett 'Dignity for Survivors of Domestic Violence' li ser ikun possibbli permezz ta' fondi taħt il-Fond Soċjali Ewropew, il-Kummissjoni beħsieba tibda taħdem fuq il-kwistjoni ta' disimpjieg u l-vjolenza domestika. | Il-Kummissjoni/ Proġett tal-Fond Soċjali Ewropew |
| 2.8.1 Permezz tas-sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz, il-Kummissjoni bdiet tosserva l-allokkazzjoni tal-akkommodazzjoni tad-djar tal-Gvern u ser tibqa' tosserva kemm idumu biex jirċievu l-benefiċċji soċjali. | Is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz |
| • tinkoraġġixxi li jinħolqu programmi għal min iwettaq vjolenza li jkunu kordinati fuq livell nazzjonali u bażati lokalment. Dawn il-programmi jridu jkunu bbażati fuq il-bżonnijiet għas-sigurtà tan-nisa u jkun organizzati flimkien mas-servizzi għan-nisa li huma l-vittmi; | |
| 2.9 Dan is-servizz diġà jeżisti f'Malta. Għalissa m'hemmx bżonn ta' aktar azzjoni. | Xejn |

## 11.3 Ġbir ta' informazzjoni

Is-Sottokumitat ħadem ukoll mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fuq riproduzzjoni ta' studju tal-2003 li kien ikkummissjonat mill-Ministeru għall-Politika Soċjali ta' dak iż-żmien lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika bl-isem ta' "Domestic Violence against Women: Perceptions of the Maltese General Public", li ser ikun ippublikat dalwaqt.

Biċċa xogħol kbira oħra li qed titwettaq hija dik ta' stħarriġ dwar il-prevalenza għall-gżejjer Maltin bil-għan li tinkiseb stampa aktar ċara mhux biss ta' dawk li jirrappurtaw il-każi, imma anki ta' dawk li ma jagħmlux dan. Dan huwa meħtieġ sabiex nkunu nistgħu nfasslu aħjar il-linji ta' politika u l-provvista tas-servizzi. Dan ser ikun jagħmel parti mill-indipendenza ekonomika tan-nisa permezz tal-impjiegi u ser isir bħala parti mill-proġett iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew 'Dignity for Domestic Violence Survivors'.

| | Azzjoni |
|---|---|
| • tassigura l-ġbir sistematiku ta' statistical data diżaggregata skont is-sess, bit-tip ta' vjolenza kif ukoll skont it-tip ta' relazzjoni li hemm bejn dak li jwettaq il-vjolenza u l-vittma f'kull qasam; | |
| 3.1 Matul l-aħħar sena, is-sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-Data kompla jaħdem sabiex l-istatistika li tinġabar minn diversi entitatijet tiġi standarizzata sabiex b'hekk wieħed isir jaf aħjar kemm hemm li qed jitolbu l-għajnuna. Dan ix-xogħol huwa kontinwu. | Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-Data |
| • tintuża metidoloġija li biha tista' ssir analiżi skont is-sess u tkun tista' tiġi mqabbla ma' ta' pajjiżi oħra membri tal-Kunsill tal-Ewropa; | |
| 3.2 Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-Data ser ikompli jaħdem ma' entitajiet oħra ta' pajjiżi membri tal-Kunsill tal- Ewropa sabiex id-data pprovduta tkun tista' tiġi mqabbla bejn il-pajjiżi. | Is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u Ġbir tad-Data |

| | |
|---|---|
| | **Azzjoni** |
| • tiġbor u tqassam prattiċi tajba ta' prevenzjoni ta' vjolenza li tiġri fil-familja jew grupp domestiku, sabiex il-vittmi jiġu protetti u dawk li jwettqu vjolenza jiġu mħarrka; | |
| 3.3 Filwaqt li din ma tistax tiġi mistħarrġa f'daqqa fiż-żmien qasir, is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz ser ikun qed jiġbor eżempji ta' prattiċi tajba li jsiru mill-pulizija. Dawn ser jiġi nfurmat bihom il-Kummissarju tal-Pulizija. | Is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz |

## 11.4 Tkabbir tal-konoxxenza

Il-Kummissjoni kienet waqqfet Sottokumitat għal Kampanja Nazzjonali ta' Informazzjoni sabiex jippjana u jikkoordina l-kampanji fuq il-vjolenza domestika permezz tal-midja bbażati fuq perjodu ta' sentejn. Impjegati mill-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali u l-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali ta' qabel inkarigati mir-relazzjonijiet pubbliċi jifformaw parti minn dan is-sottokumitat flimkien ma' żewġ membri tal-Kummissjoni. Dan jgħin biex jingħaqdu l-attivitajiet, jitnaqqas ix-xogħol ripetut u tiżdied il-koperazzjoni bejn dawn l-entitajiet prinċipali. Wieħed mill-aspetti li qed jiġi kkunsidrat kontinwament huwa li kemm jista' jkun jiġi żgurat li s-servizzi kurrenti ma jkunux mgħobbija żżejjed b'każi riferuti bħala riżultat tal-kampanja ta' informazzjoni.

Dan is-sottokumitat ma baqax jiltaqa' minħabba l-elezzjoni, u li mbagħad ma reġax ġie mwaqqaf minħabba li l-aġenzija msemmija talbet biex ma jinżammux kampanji ta' informazzjoni minħabba ż-żieda fin-numru ta' każi riferuti. Dan ukoll minħabba nuqqas ta' riżorsi umani b'riżultat li ma kinux qed ilaħħqu magħhom. Hemm il-ħsieb li dan is-sottokumitat jerġa' jibda jiltaqa' fil-futur.

| | |
|---|---|
| | **Azzjoni** |
| • pubblikament tiġi kkundannata l-vjolenza fuq in-nisa bħala waħda mill-vjolazzjonjiet tad-drittijiet umani tan-nisa u li tiġi miġġielda anki mill-għola livell politiku; | |
| 4.1 Il-Kummissjoni għamlet preżentazzjoni lill-Kumitat Parlamentari tal-Affarijiet Soċjali dwar il-Vjoenza Domestika f'Malta, fejn ġew indikati l-punti ta' tħassib dwar il-kwistjoni. Preżentazzjoni oħra hija pjanata għal din is-sena sabiex jiġu ċċarati xi kwistjonijiet mressqa mill-membri u sabiex il-kawżi ta' vjolenza domestiku jiġu diskussi aħjar. | Il-Kummissjoni |
| • tkabbir ta' għarfien dwar il-vjolenza domestika fuq in-nisa permezz ta' dak kollu possibbli, b'mod partikulari permezz tal-midja u l-kurrikulu edukativ sabiex jiġi aċċettat sterjotip dwar is-sessi, u l-opinjoni pubblika biex tiġi aċċetatta; | |
| 4.2 Minkejja li s-Sottokumitat għal-Kampanja Nazzjonali ta' Informazzjoni ma ltaqax f'din l-aħħar sena, xorta waħda nżammu diversi attivitajiet ta' tkabbir ta' għarfien permezz tal-midja. Żewġ membri ħadu sehem fil-programm QalbinNies ddedikat lill-vjolenza domestika, u dan sar billi sar ftehim fuq il-kontenut tal-programm mal-produtturi; inħarġu numru ta' stqarrijiet għall-istampa biex jiġu mfakkra ġranet sinifikattivi. Is-sottokumitat ser jerġa' jibda jiltaqa' u l-kampanja ta' pubbliċità tiżdied fis-sena li ġejja. | Sottokumitat għal Kampanja Nazzjonali ta' Informazzjoni |
| 4.2.1 Fir-rigward tal-kurrikulu edukattiv saret lekċer lill-istudenti tal-liġi u oħra lis-seminaristi. Din is-sena il-prijorità ser tkun li naħdmu mal-iskejjel. | Il-Kummissjoni/ Sottokumitat għall-Kampanja Nazzjonali ta' Informazzjoni |
| • tinkoraġġixxi lill-mexxeja nazzjonali u kommunitarji u opinjonisti sabiex pubblikament jirrikonoxxu l-gravità tal-vjolenza fuq in-nisa li tiġri fil-familja jew grupp domestiku, sabiex jiġi kkundanat it-twettiq tal-vjolenza u d-drawwiet, il-kultura u r-reliġjon li m'għandhomx jiġġustifikaw l-vjolenza; | |
| 4.3 Preżentazzjoni li saret lill-kumitat parlamentari tal-affarijiet soċjali, u oħra li trid issir. | Il-Kummissjoni |
| 4.3.1 Wara laqgħa li saret mal-Arċisqof, din is-sena saret laqgħa ta' tagħrif lill-Kulleġġ tal-Kappillani tal-Kurja ta' Malta. Ser jerġa' jiġi avviċinat l-Isqof ta' Għawdex sabiex tinżamm laqgħa simili ta' tagħrif f'Għawdex. | Il-Kummissjoni |
| • tingħata għajnuna għall-inizjattivi speċifiċi ta' tkabbir ta' għarfien li l-għan tagħhom hu li jilħqu l-irġiel sabiex dawn jieħdu sehem attiv biex tiġi eliminata kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa, inkluża l-vjolenza domestika; | |

4.4 Waħda mill-attivitajiet li hemm ippjanati bħala parti mill-proġett Dignity for Domestic Violence Survivors, iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew, hija logħba futboll fejn il-plejers, ikollhom ċoff abjad, li b'hekk pubblikament jissapportjaw l-irġiel li huma kontra vjolenza fuq in-nisa.

**Azzjoni**
Sottokumitat għall-Kampanja Nazzjonali ta' Informazzjoni

# 12. Tkabbir tal-konoxxenza

It-tkabbir tal-konoxxenza dwar il-vjolenza domestika u l-effetti tagħha jibqa' dejjem rwol importanti tal-Kummissjoni. Matul is-sena li qegħdin nirrappurtaw fuqha, il-Kummissjoni kellha tnaqqas ħafna minn dan l-għarfien dwar dan il-qasam kif jidher hawn taħt. Minkejja dan, it-tkabbir ta' konoxxenza se jkompli jkun prijorità.

## 12.1 Tkabbir tal-Konoxxenza u Kollaborazzjoni: Professjonisti u Partijiet Interessati Oħra

Bħal ma kien indikat fir-rapport tas-sena l-oħra, fejn inħass il-bżonn, il-Kummissjoni kompliet tikkorrispondi u torganizza laqgħat ma' diversi entitajiet li għandhom kuntatt dirett jew indirett mal-vjolenza domestika.

Dawn kienu jinkludu:

- Laqgħa li saret fil-15 ta' April 2008 ma' Dun Jimmy Bonnici, rettur tas-Seminarju dwar il-possibbiltà li jsiru laqgħat ta' diskussjoni u informazzjoni lis-seminaristi li, meta jilħqu saċerdoti, ser jaħdmu fost il-pubbliku ġenerali. Sar qbil li Dun Jimmy Bonnici għandu jiddiskuti dawn is-suġġerimenti mal-istaff sabiex jiġu inklużi fil-programm tas-sena li ġejja.

- Laqgħa li saret fis-16 ta' Ġunju 2008 mas-Sur Tony Mifsud, Ko-ordinatur, Malta Unborn Child Movement fi ħdan is-Segretarjat Azzjoni Soċjali u s-Sinjura Antoinette Formosa, mill-Assoċjazzjoni tal-Qwiebel f'Malta. Is-Sur Mifsud għamel enfasi fuq il-bżonn li aktar riżorsi għandhom jiġu ndirizzati lejn il-protezzjoni tat-'tarbija li ser titwieled' kif hemm indikat fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika.

- Laqgħa li saret fil-25 ta' Ġunju 2008 ma' Fr Eric Overend u mal-Kulleġġ tal-Kappillani fil-Kurja tal-Arċisqof fil-Furjana. F'din il-laqgħa ġie deċiż li jingħataw informazzjoni dwar l-Att dwar il-Vjolenza Domestika u dwar is-servizzi li jiġu provduti lil persuni li jkollhom esperjenza ta' vjolenza domestika. Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa ta' informazzjoni u taħriġ f'waħda mill-laqgħat li ssir għall-kappillani darba fix-xahar.

### 12.1.1. Preżentazzjonijiet

Iċ-chairperson għamlet taħdita f'seminar bl-isem 'Try to understand' Sexual and gender-based violence in the context of Mediterranean arrivals organizzat mill-JRS Malta u UNHCR Malta fis-Sala tal-Konferenzi, fil-Kumpless Sportiv tal-Kulleġġ Saint Aloysius, Birkirkara nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju 2008.

Wara li l-laqgħa li saret kif insemmi aktar 'il fuq, il-Kummissjoni ġiet mistiedna minn Fr Eric Overend, l-president tal-Kulleġġ tal-Kappillani sabiex fil-05 ta' Novembru 2008 tingħata preżentazzjoni lill-kappillani. Din il-preżentazzjoni ta' siegħa ngħatat minn Dr Marceline Naudi, chairperson tal-Kumissjoni dwar il-Vjolenza Domestika, minn Dr Roberta Leprè, membru u mis-Sinjura Doreen Camilleri, Service Area Leader mid-Domestic Violence Services tal-Aġenzija Appoġġ.

Ic-chairperson ġiet ukoll mistiedna mill-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali sabiex flimkien mal-Aġenzija Appoġġ tagħti preżentazzjoni dwar il-vjolenza domestika. Dan kien sar mill-kumitat bħala parti mill-pjan ta' xogħol dwar il-familja. Il-preżentazzjoni saret nhar il-15 ta' Ottubru 2008.

### 12.1.2 Komunikazzjoni mal-Ġudikatura

Il-Kummissjoni se tkompli tenfasizza l-importanza li tiltaqa' mal-Ġudikatura sabiex tkun f'qagħda li tista' tiddiskuti kwistjonijiet importanti li qed jitqajmu kemm minn ħaddiema li jaħdmu quddiem nett f'dan il-qasam u kemm minn persuni li jagħmlu użu mis-servizzi. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tweġiba għal ittra li ntbagħtet lill-amministrazzjoni tal-Ġustizzja fejn kienu ġew definiti l-oqsma ta' preokkupazzjoni. L-istess kwistjonijiet tqajmu mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Affarijiet tal-Intern u ġie ssuġġerit li ssir laqgħa mal-Prim Imħallef.

## 12.2 Tkabbir tal-konoxxenza: Iċ-ċittadini

Is-Sottokumitat dwar it-Tkabbir ta' Konoxxenza/kampanja nazzjonali ma kienx baqa' jiltaqa' minħabba l-proċeduri meħtieġa f'elezzjoni ġenerali. Meta l-Kummissjoni reġgħet ġiet mwaqqfa, l-aġenzija msemmija tablet lill-Kummissjoni sabiex ma tagħmel l-ebda kampanja pubbliċitarja mmirata lejn il-pubbliku ġenerali. Din it-talba saret minħabba fiż-żieda fin-numru ta' referenzi li jwassal li l-ħaddiema soċjali fi ħdan id-Domestic Violence Unit ikollhom numru akbar ta' każi bir-riżultat li jkollhom joħolqu waiting list. Għalhekk, dan is-sottokumitat ma reġax ġie mwaqqaf. Minkejja dan, il-ftit tkabbir ta' konnoxxenza li sar kien l-aktar permezz

tal-midja u l-istampa. Dawn kienu anqas minn dawk tas-snin ta' qabel. Dan is-sottokumitat ser jerġa' jiġi mwaqqaf is-sena li ġejja.[9]

### 12.3 Websajt

Il-websajt tal-Kummissjoni www.domesticviolence.gov.mt kienet twaqqfet f'Ġunju 2007 bħala parti mill-websajt tal-Ministeru. L-informazzjoni li hemm fil-websajt tinkludi informazzjoni dwar il-Kummissjoni u l-attivitajiet tagħha kif ukoll informazzjoni dwar l-Att dwar il-Vjolenza Domestika. Fiha wkoll links għal websajts ta' organizzazzjonijiet oħrajn li jittrattaw każi ta' vjolenza domestika. Il-websajt qegħda dejjem tiġi aġġornata.

# 13. Żvilupp tas-Servizz u tal-Linji ta' Politika

### 13.1 Laqgħat mal-Aġenzija msemmija responsabbli għall-organizzazzjoni ta' programmi ta' prevenzjoni, terapija u/jew ta' kura għall-vittmi u awturi ta' vjolenza domestika

Il-Kummissjoni baqgħet f'kuntatt mill-qrib mal-Aġenzija Appoġġ matul l-aħħar sena.

Saru diversi laqgħat bejn ċ-chairperson tal-Kummissjoni u s-Sinjura Maryanne Gauci, Adult & Family Service Manager fl-Aġenzija Appoġġ sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet li tqajmu u metodi kif jista' jkun hemm aktar kollaborazzjoni attiva bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija Appoġġ. Il-punti li ġew diskussi jinkludu:

- Protezzjoni mill-pulizija għan-nisa, u b'hekk twaqqaf fond konġunt li minnu titħallas il-protezzjoni privata tal-pulizjia sabiex in-nisa jiġu akkumpanjati il-Qorti.
- Il-bżonn ta' aktar ħaddiema soċjali fid-Domestic Violence Unit tal-Aġenzija Appoġġ.
- IL-problema ta' tkabbir ta' konnoxxenza li jwassal għall-possibbiltà li s-servizzi jiġu mxekkla.
- Il-kitba ta' rapporti meħtieġa għall-Kunsill tal-Ewropa sabiex tiġġieled l-Vjolenza kontra in-nisa, inkluża l-vjolenza domestika.
- Każ bi prova fuq rappurtar lill-pulizija minn terzi persuni.
- Attivitajiet oħra li setgħu jiġu organizzati sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-problema ta' vjolenza domestika

### 13.2 Parteċipazzjoni fil-Kumpilazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Inklużjoni Soċjali

Hekk kif ġie rrappurtat fir-rapport annwali tas-sena l-oħra, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programm fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali
organizza sensiela ta' focus groups ta' nofsinnhar kull wieħed għall-gruppi vulnerabbli li ġew identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Inklużjoni Soċjali (2006-2008) sabiex ikun jista' jitfassal il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali li jmiss. Kif indikat, barra l-parteċipazzjoni fil-focus groups imsemmija fir-rapport tas-sena l-oħra, iċ-chairperson ħadet sehem ukoll fil-focus groups dwar l-immigrazzjoni irregolari (07/03/08); id-Diżabbiltà (07/03/08) u l-Mġiba li twassal għall-Vizzji (30/04/08). Minħabba li l-problema ta' vjolenza domestika tmiss ma' kull waħda minn dawn l-oqsma, kien għalhekk importanti li dan jiġi rikonoxxut u inkluż fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Inklużjoni Soċjali.

### 13.3 Laqgħa mal-Onorevoli Ministru John Dalli, Ministru għall-Politika Soċjali

Fit-30 ta' Settembru 2009. iċ-chairperson u l-membri tal-Kummissjoni ltaqgħu mal-Onorevoli Ministru John Dalli sabiex jiġi ppreżentat ir-rapport annwali għall-2007-2008 u sabiex jiġi diskuss ix-xogħol tal-Kummissjoni. Il-Ministru Dalli ngħata l-punti prinċipali fil-qosor dwar is-sitwazzjoni kurrenti. Ġie spjegat li għalkemm kien hemm mitejn każ irrappurtat lill-pulizija, ħafna aktar nies jitolbu l-għajnuna mis-servizzi tal-ħaddiema soċjali. Dan juri li għad hemm ħafna nies li ma jixtiqux li jagħmlu rapport uffiċjali. Ħafna minn dawn il-każi ma jidhrux il-Qorti. Iżda jidher li minħabba li qed ikun hemm aktar għarfien dwar il-kwistjoni, aktar nies qed iffittxu l-għajnuna. Il-problema tan-nuqqas ta' ħaddiema soċjali fid-Domestic Violence Unit tal-Aġenzija Appoġġ issemmiet u ġiet diskussa.

Ġie spjegat ukoll li r-rapporti dwar il-każi ta' vjolenza domestika jsiru minn kull parti tal-gżira u kull klassi tas-soċjetà. Ġie ndikat ukoll li d-differenza bejn is-sessi tibqa' wieħed mill-fatturi ta' vjolenza domestika. Kien diskuss li l-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tagħmel studju ta' prevalenza dwar il-vjolenza domestika f'Malta sabiex tkun tista' tippjana aħjar ix-xogħol tagħha u tkun tista' tagħti parir dwar miżuri ta' policy. Sa issa il-figuri li jeżistu huma biss ta' dawk il-persuni li jagħmlu rapport - dawn huma biss ftit mill-każi.

[9] *Ara aktar dettalji f'Appendiċi D*

Fir-rigward li jitkabbar l-għarfien lit-tfal permezz ta' programmi edukattivi, il-Ministru Dalli ġie nfurmat li l-Kummissjoni organizzat kompetizzjoni tal-arti għat-tfal fl-iskejjel tal-Privat, tal-Knisja u tal-Gvern. L-importanza li jiġu organizzati mhux biss attivitajiet ta' għarfien iżda wkoll programmi ta' prevenzjoni għat-tfal ġie enfasizzat. Issemma wkoll li l-attivitajiet għandhom jgħallmuhom dwar l-ugwaljanza tas-sessi u r-rispett bejn in-nisa u l-irġiel.

Il-Ministru ġie nfurmat dwar il-problema biż-żieda ta' referenzi li jkollhom id-Domestic Violence Unit ta' Aġenzija Appoġġ minħabba tkabbir ta' għarfien, li jwassal għal żieda fin-numru ta' każi għan-numru kurrenti ta' ħaddiema soċjali. Dan wassal biex il-Kummissjoni tiġi mitluba tillimita l-kampanja ta' għarfien dwar din il-kwistjoni. Din hija problema minħabba li t-tkabbir ta' għarfien huwa wieħed mit-termini ta' referenza tal-Kummissjoni.

Problema oħra li qed teżisti fil-qasam tal-vjolenza domestika, hija dik tar-riżenja tal-Head of Home li kienet voluntiera f'MerħbaBik u li minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji ma setgħux jimpjegaw lil xi ħaddieħor. Kien enfasizzat li tkun ħasra jekk kellhom jintilfu is-servizzi ta' MerħbaBik.

## 13.4 Laqgħa mal-Onorevoli Ministru Carmelo Mifsud Bonnici, Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

Fil-21 ta' Novembru 2008 il-Kummissjoni ltaqgħet mal-Onervoli Ministru Carmelo Mifsud Bonnici, Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern. Il-laqgħa saret fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, il-Belt Valletta. F'din il-laqgħa, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Ministru ittra li f'Awwissu 2007 kienet intbagħtet miċ-chairperson tal-Kummissjoni lill-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. F'din l-ittra tqajmu diversi punti relatati mal-Ministeru. Dawn il-punti ġew diskussi u ngħataw diversi suġġerimenti.

Ġie deċiż li l-Kummissjoni tavviċina liċ-ċentru ta' medjazzjoni sabiex jiġu diskussi punti relattati mal-medjazzjoni, kif ukoll li jiġi kkuntattjat id-Direttur Ġenerali tal-Qorti sabiex jiġu diskussi punti li għandhom x'jaqsmu mal-amministrzzjoni tal-Qorti. Suġġeriment ieħor kien li l-Kummissjoni tagħmel l-arranġamenti tagħha sabiex tiltaqa' mal-Prim Imħallef.

Saret enfasi dwar l-importanza li l-pubbliku ġenerali għandu jiġi mgħarraf bid-drittijiet tiegħu fir-rigward tal-vjolenza domestika. Għalhekk ġie suġġerit li l-Kummissjoni tipproduċi nformazzjoni li titqassam fid-djar u wkoll fil-Qrati. Sar enfasi dwar il-bżonn li jsir monitaraġġ tar-rapporti tal-pulizija kif ukoll tal-każi li jitressqu l-Qorti.

Il-Kummissjoni ġiet riferuta lis-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa, Dr Joseph Cassar, fir-rigward ta' twaqqif ta' task group sabiex jiddiskuti l-possibbiltà li jitwaqqaf sexual assault response team u l-provvediment ta' uffiċċju għat-tim fl-Isptar Mater Dei.

Il-Ministru ġie nfurmat ukoll dwar l-istudju ta' perċezzjoni tal-pubbliku Malti li l-Kummissjoni qed tagħmel u dwar il-pjanijiet tal-Kummissjoni li tagħmel studju ta' prevalenza .

## 13.5 Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa, l-Onorevoli Dr Joseph Cassar

Il-Kummissjoni ltaqgħet mas-Segretarju Parlamentari tas-Saħħa, l-Onorevoli Dr Joseph Cassar fil-21 ta' Jannar 2009, f'Palazzo Castellenia l-Belt Valletta. L-għan ta' din il-laqgħa kien sabiex jiġi diskuss l-ideja li jitwaqqaf is-Sexual Assault Response Team u dan kif kien issuġġerit, wara laqgħa li kienet saret mal-Onorevoli Dr Carmelo Mifsud Bonnici, Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Kopja ta' memorandum sabiex jiġi mwaqqaf is-Sexual Assault Response Team ġie ippreżentat lill-Onorevoli Dr Joseph Cassar. Huwa kien infurmat li l-għaqda volontarja Victim Support Malta flimkien mal-Konfederazzjoni Maltija tal-Organizzazzjonijiet tan-Nisa u l-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika kienu diġà applikaw għall-fondi mill-Fond għall-Organizzazzjoniet Volontarji. L-Onoerevoli Dr Joseph Cassar qabel li jitwaqqaf task group u li għandu jinkludi rappreżentanza mill-Ministeru tal-Politika Soċjali, il-Kummissjoni, Victim Support Malta, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, is-Sinjura Antoinette Martin, is-Sur Raymond Galea u individwi oħra li jistgħu jagħtu kontribut sabiex jitwaqqaf dan it-tim. It-task group għandu jlesti pjan ta' ħidma li għandha tiġi ppreżentata lis-Segretarju Parlamentari sabiex wara tiġi mressqa għad-diskussjoni quddiem il-Kabinett. Fir-rigward ta' riżorsi finanzjarji, ġie suġġerit li t-task group għandu jfittex sorsi oħra barra dawk mill-Ministeru tal-Politika Soċjali u l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern. L-Onorevoli Dr Joseph Cassar qabel li għandu jsir stħarriġ dwar il-possibbiltà li dan it-tim jiġi provdut b'uffiċċju fl-Isptar Mater Dei. Kien hemm is-suġġeriment li jista' jkun il-każ li dan it-tim ikun ibbażat fil-Kliniċi tas-Saħħa.

### 13.6 Reviżjoni tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika

Il-Kummissjoni iltaqgħat f'laqgħa ad hoc sabiex tevalwa l-problemi u l-punti li wieħed jiltaqa' magħhom fil-prattika fir-rigward tal-liġi u argumenti legali.10 Dawn jinkludu diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom in-nies li jippruvaw jaħarbu minn sitwazzjonijiet ta' vjolenza domestika kif ukoll il-ħaddiema li jaħdmu direttament f'dan l-qasam.

### 13.7 Kuntatt mal-forum ta' min jaħdem fil-qasam tal-vjolenza domestika

Minbarra s-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz, il-Kummissjoni tkun ukoll f'kuntatt regolari mal-forum ta' min jaħdem fil-qasam tal-vjolenza domestika (li jissejjaħ ukoll 'the shelters' meeting') li jinkludi l-ħaddiema soċjali kollha li jaħdmu fis-settur, kif ukoll rappreżentanti mid-diversi xelters. Iċ-chairperson tal-Kummissjoni tattendi l-laqgħat tal-forum fil-kapaċità personali tagħha u wara tgħaddi l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Permezz ta' dan il-forum, kif ukoll permezz tas-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz, jiġu mressqa diversi kwistjonijiet ta' prattika li mbagħad jiġu mressqa quddiem il-Kummisjoni.

### 13.8 Kuntatt mal-Fondazzjoni Richmond

Waħda mill-problemi msemmija aktar 'il quddiem kienet il-problema li l-ħaddiema jiltaqgħu magħha fejn jidħlu każi ta' persuni li jkollhom bżonn is-servizzi ta' vjolenza domestika u jkollhom il-problema ta' saħħa mentali. Għalhekk saru kuntatti mal-Fondazzjoni Richmond u b'riżultat tal-laqgħha bejn iċ-chairperson tal-Kummissijoni u l-kap eżekutiv tal-Fondazzjoni Richmond, ingħataw żewġ sessjonijiet ta' tagħrif mingħajr ħlas. Dan it-tagħrif ingħata mill-Fondazzjoni Richmond lill-ħaddiema soċjali u lill-ħaddiema li jaħdmu fix-xelters fil-qasam tal-vjolenza domestika dwar l-oqsma tas-saħħa mentali u l-impatt tagħhom. Bħala parti mill-evalwazzjoni ta' dan it-taħriġ, deher biċ-ċar li is-servizz ta' support worker mill-qasam tas-saħħa mentali jkun ta' għajnuna għall-ħaddiema soċjali fil-ħidma tagħhom ma' dawn it-tip ta' każi. Għalhekk din il-problema ġiet ikkwantifikata u l-Kummissjoni għamlet ftehim mal-Fondazzjoni Richmond sabiex tixtri mitt siegħa ta' konsultazzjoni. Dawn is-sigħat ta' konsultazzjoni ser jintużaw mill-ħaddiema soċjali u mill-ħaddiema tax-xelters sabiex ifittxu l-għajnuna mingħand support worker tar-Richmond. Dan l-arranġament ser ikun immonitorjat kif ukoll analizzat.

### 13.9 Kuntatt mal-Kummissarju tal-Pulizija

Il-Kummissjoni talbet ukoll, u ngħatat, kopja tar-rapport fuq il-konferenza internazzjonali tal-European Police College (CEPOL) dwar il-vjolenza domestika li saret f'Malta f'Ġunju 2008.

Wara diskussjonijiet bejn il-ħaddiema u l-uffiċjali tal-pulizija f'dan il-qasam, il-Kummissjoni kienet issuġġerit li uffiċċjal tal-pulizija b'taħriġ speċifikat f'dan il-qasam għandu jiġi stazzjonat f'kull distrett f'kull xift. B'hekk dan l-uffiċċjal tal-pulizija jkun jista' jieħu ħsieb rapporti ta' persuni li jkollhom esperjenza ta' vjolenza domestika. Dan is-suġġeriment ma kienx milqugħ u l-Kummissjoni ġiet infurmata li kull uffiċċjal tal-pulizija qed ikun imħarreġ sabiex ikun jista' jittratta każi ta' vjolenza domestika. Dan it-taħriġ qed isir bħala parti minn kors ta' taħriġ li jingħata minn uffiċjali ta' esperjenza fi ħdan il-korp tal-pulizija.

Kif diġà ssemma aktar 'il quddiem, wara numru ta' diskussjonijiet u laqgħat ma' diversi entitajiet konċernati, ġie deċiż li f'ċertu każi jkun hemm bżonn il-protezzjoni tal-pulizija sabiex in-nisa u l-ħaddiema soċjali jiġu akkumpanjati l-Qorti. Ġew ikkunsidrati diversi metodi u wara ġiet miftehma ukoll l-proċedura li għandha tintuża'. L-Aġenzija Appoġġ u l-Kummissjoni waqqfu fond, li ser ikun amministrat mill-Aġenzija Appoġġ, sabiex minnu titħallas il-protezzjoni privata mill-pulizija fejn ikun il-bżonn u fejn metodi oħra ma kinux addattati jew possibbli. Il-Kummissarju tal-Pulizija kien avviċinat mill-Aġenzija Appoġġ u approva l-provediment tal-protezzjoni privata mill-pulizija kif kien rikjest.

# 14. Proġetti tal-UE u Internazzjonali

### 14.1 Fond Soċjali Ewropew

Il-proġett 'Dignity for Domestic Violence Survivors' taħt il-Programm Operattiv II tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, Assi Prijoritajri III - L-Għoti tar-Responsabbiltà lill-Persuni għal aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar, ġie mogħti lill-Kummissjoni bħala is-sieħba ewlenija bil-koperazzjoni ta' diversi organizzazzjonijiet oħrajn. Bis-saħħa ta' dan il-proġett il-Kummissjoni tkun tista' tuża' l-fondi sabiex tkompli x-xogħol tagħha f'dan il-qasam. Il-proġett għandu jibda fl-2009 u jibqa' sejjer saa-sena 2011. Il-proġett jinkludi:

- Studju tal-Prevalenza – sabiex tinkiseb indikazzjoni tal-prevalenza attwali tal-vjolenza domestika u jekk teżistix rabta bejn il-vjolenza domestika u n-nuqqas ta' impjiegi għan-nisa.
- Żjara ta' studju – sabiex wieħed jitgħallem kif xelters oħrajn għal dawk in-nies li esperjenzaw il-vjolenza domestika f'pajjiżi Ewropej jagħtu r-responsabbiltà lir-residenti tagħhom u jippromwovu

l-inklużjoni soċjali billi jgħinuhom isibu mpjieg jew impjieg għal rashom, anki permezz tat-twaqqif ta' koperattivi.

- Żvilupp ta' standards għax-xelters sabiex ikunu f'qagħda li jipprovdu għall-inklużjoni għal dawk in-nies li esperjenzaw il-vjolenza domestika fis-suq tax-xogħol.
- Żvilupp ta' pjanijiet ta' kordinazzjoni li jinkludu t-tfassil ta' protokolli għas-setturi mdaħħla fil-vjolenza domestika inklużi dawn li ġejjin:
- pulizija
- mezzi ta' kommunikazzjoni
- entitajiet tal-Gvern
- għal dawk li jipprovdu s-servizzi tas-saħħa
- NGOs – sabiex jaħdmu b'mod koordinat għall-inklużjoni għal dawk in-nies li esperjenzaw il-vjolenza domestika fis-suq tax-xogħol
- kampanja ta' tqajjim ta' kuxjenza pubblika permezz tal-mezzi tax-xandir dwar il-vjolenza domestika u l-importanza tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk in-nies li esperjenzaw il-vjolenza domestika

WasteServ Malta Ltd talbet lill-Kummissjoni sabiex tkun wieħed mis-sieħba fil-proġett 'Care Creates Change' taħt il-Programm Operattiv II tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, Assi Prijoritajri III - L-Għoti tar-Responsabbiltà lill-Persuni għal aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar

Il-Kummissjoni flimkien mal-Victim Support Malta bi sħab għamlu applikazzjoni oħra għall-proġett tal-ESF 'Economic Empowerment for Victims of Domestic Violence' taħt il-Programm Operattiv II tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, - L-Għoti tar-Responsabbiltà lill-Persuni għal aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar u għadna qed nistennew risposta.

## 14.2 Il-Programm DAPHNE III, 2007-2013

F'din l-aħħar sena, Malta kienet preżenti f'żewġ laqgħat tal-Programm Daphne III fi Brussell. F'Mejju 2008 attenda is-Sur Cornelius Mulvaney, filwaqt li għal-laqgħa ta' Settembru 2008, attendiet iċ-chairperson tal-Kummissjoni. L-għan tal-Programm Daphne huwa li jimpedixxi u jikkumbatti l-vjolenza kontra tfal, żgħażagħ u nisa u li jipproteġi persuni li għaddejjin minn esperjenza ta' vjolenza u gruppi f'riskju. Daphne III huwa parti minn programm ġenerali 'Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja', u huwa kontinwazzjoni tal-linji ta' politika u tal-għanijiet stabbiliti fil-Programmi Daphne I u Daphne II. L-għanijiet tal-programm huma mmirati għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull għamla ta' vjolenza inklużi l-isfruttament sesswali u t-traffikar tal-bnedmin, fl-isfera pubblika u privata. Ir-rappreżentanti ta' Malta qajmu l-kwistjoni li Malta, minħabba id-daqs tagħha, qed tkun żvantaġġjata u dan minħabba nuqqas ta' aġenziji 'lokali'. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma tistax tkun la s-sieħba ewlenija ta' proġett u lanqas full partner fi proġett tad-Daphne. Dan hu kollu b'riżultat minħabba li l-Kummissjoni tifforma parti minn Ministeru għalkemm ġie ndikat li l-Kummissjoni tiffunzjona bħala entità indipendenti.

Minkejja dan, il-Kummissjoni sejħet grupp ta' entitajiet interessati u eliġibbli li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza domestika sabiex flimkien issir applikazzjoni għall-Programm Daphne III. B'dispjaċir kbir, il-grupp ma rnexxilux iddaħħal l-applikazzjoni saż-żmien li ngħata jiġifieri sa April, minħabba li ma ġiex approvat il-kofinanzjament fiż-żmien stipulat u minħabba nuqqas ta' sieħba internazzjonali. Sejħa oħra għall-applikazzjonijiet issa reġgħet ħarġet u l-grupp baqa' jaħdem flimkien fuq l-applikazzjoni l-ġdida.[11]

Iċ-chairperson tal-Kummissjoni ġiet mistiedna tattendi għal seminar relatat mal-programm Daphne III. Is-seminar 'Combating Violence – European and Polish practice' organizzat mill-Ministeru tal-Intern u l-Amministrazzjoni tal-Polonja sar bejn 20 u 21 ta' Novembru 2008, f'Warsaw, il-Polonja.

## 14.3 Grundtvig 3

Is-Sinjura Doreen Camilleri, Service Area Leader, Domestic Violence Services fl-Aġenzija Appoġġ attendiet għal sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-vjolenza domestika bħala parti mill-proġett imsejjaħ 'Acting on the Background for a higher Climbing up of Women Survivors of Violence' organizzat miċ-'Centro Studi Il Perugino', fl-Italja permezz ta' fondi mill-UE taħt il-Grundtvig 3. B'dawn is-sessjonijiet, il-Kummissjoni kienet infurmat il-Fondazzjoni dwar is-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali kif ukoll lill-aġenziji oħra.

Il-Kummissjoni kienet infurmata wkoll li f'Mejju 2009 ser isiru sessjonijiet ta' taħriġ taħt il-programm Grundtvig 3 - 'Acting on the Background for a higher Climbing up of Women Survivors of Violence' ġewwa Malta. Dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ kienu parti mill-'Background course on Domestic Violence'. L-informazzjoni ġiet mgħoddija lil-entitajiet interessati ġewwa Malta kif ukoll barra minn Malta. Il-Kummissjoni bdiet negozjati mal-aġenzija organizzativa sabiex parteċipanti Maltin jingħataw iċ-ċans li jattendu b'miżata mnaqqsa.

*[11] Għar-rapport tad-Daphne ara Appendiċi E*

## 14.4 Il-Kampanja tal-Kunsill tal-Ewropa

Il-Kummissjoni kienet irrappreżentata f'diversi konferenzi organizzati mill-Kampanja tal-Kunsill tal-Ewropa għall-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa, inkluża l-vjolenza domestika.

14.4.1 Bħala l-Uffiċċjal ta' Livell Għoli, iċ-chairperson u s-Sinjura Emma Portelli, bħala rappreżentanta minn NGO attendiet għall-Konferenza tal-Kunsill tal-Ewropa għal Focal Points Nazzjonali fi Strasbourg Franza fil-21 u t-22 ta' April 2008. Is-Sinjura Maryanne Gauci, il-focal point għall-Malta ppreżentat waqt il-konferenza r-rapport li qabel kien ġie diskuss maċ-chairperson tal-Kummissjoni.

14.4.2 Iċ-chairperson tal-Kummissjoni attendiet għall-konferenza tal-għeluq tal-Kunsill ta' l-Ewropa fi Strasbourg bejn l-10 u l-11 ta' Ġunju 2008. Dr Naudi attendiet għall-konferenza bħala r-rappreżentanta tal-Ministru. Waqt din il-konferenza ġie deċiż li ssir proposta lill-Kunsill tal-Ministri sabiex issir konvenzjoni komprensiva, li tkun strument legali għad-drittijiet tal-bniedem. Il-Konvenzjoni se tkun tkopri l-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-prosekuzzjoni ta' min jikkommetti l-azzjoni. Jekk din il-proposta tiġi aċċettata, jinkiteb abbozz tal-Konvenzjoni minn kumitat li jkun jinkludi rappreżentanti minn kull pajjiż tal-Kunsill tal-Ewropa li wara jiġi ppreżentat lill-Kunsill tal-Ministri għall-approvazzjoni tagħhom.

14.4.3 Iċ-chairperson tal-Kummissjoni ħejjiet rapport, flimkien mal-focal point maħtura għall-kampanja, is-Sinjura Maryanne Gauci, skont l-istruzzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, sabiex jiġi ndikat l-progress li sar fl-aħħar tal-kampanja. Il-kollaborazzjoni fil-kitba tar-rapport finali hija kontinwa.

## 14.5 WaVe Women against Violence Europe

WaVe hija grupp ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi tan-nisa Ewropej li jaħdmu flimkien fil-ġlieda tl-vjolenza domestika fuq in-nisa u t-tfal. Dan il-grupp jippromovi u jsaħħaħ id-drittijiet umani tan-nisa u t-tfal b'mod ġenerali u jimpedixxi partikularment vjolenza kontra n-nisa u t-tfal. Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika aċċettat li fil-websajt talWaVe tidher bħala l-focal point tal-WaVE.

Informazzjoni mitluba mill-WaVE dwar il-liġi dwar il-vjolenza domestika u is-servizzi provduti lin-nisa f'Malta kienu nklużi fir-rapport tal-pajjiżi tal-WaVe tal-2008.[12]

L-Ispettur Louise Calleja irrappreżentat l-Kummissjoni waqt l-għaxar konferenza tal-WaVe intitolat "The Role of Women's Refuges in the Prevention and Elimination of Violence against Women" li saret fil-Kosice, l-Slovakkja bejn 24-27 Settembru 2008. F'din il-konferenza, ħadu sehem l-esperti fil-qasam tal-vjolenza kontra n-nisa minn kważi għoxrin pajjiż Ewropew u l-Istati Uniti. Dawn l-esperti inklużi ħaddiema ta' shelters u kunsillieri. L-għan ewlieni kien li jiġu diskussi għadd ta' suġġetti fil-kuntest ta' vjolenza kontra n-nisa bħall-ħidma mal-awturi, taħriġ għall-istaff tax-shelters u kura tat-tfal fix-shelters u kif tista' tikber il-koperazzjoni tal-pubblika, is-settur privat u NGOs biex jiżviluppaw servizzi speċjalizzati għan-nisa li jirnexxilhom jaħarbu l-vjolenza. Kelliema ewlenin kienu jinkludi lil Liz Kelly mir-Renju Unit, akkademika magħrufa sew u attivista, u Rosa Logar mill-WaVe fl-Awstrija. Id-diskussjoni kienet tinkludi kontribuzzjonijiet minn rappreżentanti ta' pajjiżi varji, bħall-Iżvezja, il-Buglarija, il-Ġermanja, l-Awstrija, l-Olanda, l-Iskozja u l-Istati Uniti.

14.6 Dokument tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-riżoluzzjoni GA 63/134 – l-eliminazzjoni ta' rape u forom oħra ta' vjolenza sesswali f'kull manifestazzjoni, li jinkludi f'sitwazzjonijiet ta' konflitt u oħrajn relatati.

Id-dokument ntbagħat liċ-Chairperson għall-kummenti tagħha mis-Sur Joe Ebejer, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Politika Soċjali. Il-kummenti ntbagħtu kif mitlub.

### 14.7 Kwestjonarju tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa

F'Settembru 2005, il-Kumitat Reġjonali tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa għall-Ewropa adotta riżoluzzjoni dwar il-prevenzjoni tal-korrimenti (EUR/RC55/R9) u għalhekk jitlob aġġornamenti mingħand il-pajjiżi. Ingħataw tweġibiet għall-mistoqsijiet li jirrigwardaw il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni ma' Dr T. Firman Tilney bħala l-focal point min-naħa tad-Dipartiment tas-Saħħa.

### 14.8 Kwestjonarju tal-Kunsill tal-Ewropa

Il-kwestjonarju Parlamenti magħquda fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika fuq in-nisa, li jkompli fuq ir-Riżoluzzjoni 1582 (2007) imtela kif għandu jkun.

***[12] Aċċess għar-rapport ara http://wave-network.org/start.asp?ID=23087&b=15***

### 14.9 Kwestjonarju tal-Assoċċjazzjoni Portugiża dwar il-Victim Support

Il-kwestjonarju ntbagħat mill-Assoċċjazzjoni Portugiża dwar il-Victim Support dwar il-Victims Support fl-Ewropa fir-rigward ta' stħarriġ dwar l-implentazzjoni organizzattiva mtela kif għandu jkun. Il-kwestjonarju kien parti minn proġett li sar mill-Assoċċjazzjoni Portugiża dwar il-Victim Support (APAV), sabiex tiġi ddeterminata l-implimentazzjoni tal-Framework Decision 2001/220/JAI fl-istati membri tal-Unjoni Ewropea, li għal dan l-għan ġie żviluppat il-proġett Victims in Europe (VinW) f'isem il-Victim Support Europe.

# 15. Riċerka u Statistika

Kif intqal band'oħra, is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u t-Tqabbil ta' Data[13] ltaqa' diversi drabi matul l-aħħar sena u kompla jaħdem sabiex iwettaq l-għanijiet tiegħu. Il-kwistjoni ta' data u statistika rilevanti, tibqa' prijorità għall-Kummissjoni. B'mod kontinwu, tkompla in-networking u t-tqabbil ta' statistika u data sabiex tiġi mwaqqfa sistema ċċentralizzata fejn tinġabar informazzjoni kontinwa. Permezz tal-Kummissjoni, is-sottokumitat ikkummissjona wkoll studju li bħalu kien sar wieħed fl-2003 bl-isem Domestic Violence against Women: Perceptions of the Maltese General Public li sar mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO). Ir-rapport finali hu mistenni li jiġi ppubblikat fiż-żmien li ġej. Proposta għall-studju ta' prevalenza dwar il-vjolenza domestika ġie wkoll imħejji mis-sottokumitat u dan issa ser jiġi finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew.

*[13] Ara appendiċi Ċ għar-rapport sħiħ*

# 16. Konklużjoni

Dan ir-rapport jimmarka l-għeluq tal-ewwel terminu tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika li twaqqfet fl-2006 bħala riżultat tal-'Att dwar il-Vjolenza Domestika'. Meta tlaqna għal dan il-vjaġġ fit-28 ta' Frar 2006, l-2009 dehret 'il bogħod, u konna qed noħolmu dwar dak li seta' jitwettaq f'dak il-perjodu ta'; żmien. Issa li qegħdin hawn, nistgħu nindunaw kif tar dan iż-żmien. Xi wħud mill-pjanijiet tagħna ġew mwettqa, iżda konna wkoll flessibbli u smajna l-bżonnijiet tal-ħaddiema li jaħdmu dirett ma' nies li jkollhom esperjenza ta' vjolenza domestika u adattajna l-prijoritajiet tagħna skont dawn il-ħtiġiet. Aktar ma nitgħallmu, aktar nindunaw l-ammont ta' xogħol li għad irid isir. Għamilna ħafna progress, u f'ċerti oqsma sar ħafna xogħol, iżda għad hemm ħafna aktar xi jsir. Madankollu, dan ma jiskoraġġiniex, iżda, jimlina b'determinazzjoni u impenn. Kull kisba żgħira tqawwilna qalbna u ssostnina fil-ħidma tagħna. Jekk dan ma kienx hekk ma konniex nkunu hawn illum.

Madankollu, waħda mill-diżappunti personali tiegħi jibqa' l-fatt li, minkejja li matul dan it-terminu, tqajmet diversi drabi l-kwistjoni tal-ħtieġa għal aktar riżorsi umani fil-qasam, dan il-bżonn għadu ma ġiex milqugħ. Bil-kampanja ta' pubbliċità ippjanati permezz tal-proġett tagħna tal-FSE, se tressaq aktar nies li tfittex is-servizzi sabiex jgħinuhom jittrattaw jew li jaħarbu sitwazzjonijiet abbużiv li jkunu jinsabu fihom. Dan se jpoġġi aktar pressjoni fuq is-servizzi. Għalhekk aħna nittamaw li din il-kwistjoni ttieħed deċiżjoni malajr, sabiex dawk li qed juzaw jew dawk li fil-futur jużaw is-servizzi jiksbu l-aħjar servizz li jixirqilhom.

Għalhekk, fil-bidu tat-tieni terminu tagħna, qegħdin nħarsu lejn it-tliet snin li ġejjin b'tama akbar u aktar ħolm. U għal darba oħra, l-2012 jidher 'l bogħod, jagħti skop għat-tamiet tagħna u l-ħolm. Ser nagħmlu minn kollox f'dak iż-żmien sabiex nagħtu sodisfazzjoni lil dawk li wrew fiduċja fina.

# Appendiċi

# Appendiċi A

**Rapport Finanzjarju**
**Analiżi Statistika tal-Partita Nru 5477**
**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**sal-31.12.08**

| | |
|---|---|
| Baġit | € 47,000.00 |
| **Dettalji** | **Ammont Imħallas** |
| Seminar | € 4,932.60 |
| Kampanja | € 414.73 |
| Stampar ta' Rapporti | € 3,758.76 |
| Onorarja 2007 | € 12,811.55 |
| Stħarriġ | € 15,320.00 |
| Librerija | € 5,061.50 |
| Attrezzament tal-uffiċċju | € 308.36 |
| Fond b'kollaborazzjoni ma' FSWS għall-Protezzjoni Privata tal-Pulizja | € 215.50 |
| Twaqqif ta' Fond mal-Fondazzjoni Richmond | € 1,000.00 |
| Kontribuzzjoni UNIFEM | € 672.02 |
| Konsulenza dwar Proġett FSE | € 273.76 |
| Infiq ta' vjaġġar għall-Konferenzi | € 453.00 |
| Varji | € 584.18 |
| | € 45,805.46 |
| **Bilanċ li baqa'** | **€ 1,194.54** |

# Appendiċi B

**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz**

**Rapport Annwali Marzu 08-Frar 09**
Cornelius Mulvaney Dip.Family Therapy (UK); CQSW (UK)

Wara li l-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika reżenjat f'Marzu 2008 minħabba l-elezjoni ġenerali, is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz ma kompliex jiltaqa' sakemm reġgħet ġiet ikkonfermata l-Kummissjoni.

Għaldaqstant, minn Marzu 2008 sa Frar 2009, is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz iltaqa' erba' darbiet f'dawn id-dati: 21 Ottubru 2008, 02 Diċembru 2008, 23 Jannar 2009 and 26 Frar 2009.

Il-membri kurrenti tas-Sottokumitat huma li ġejjin:
Dr Marceline Naudi (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika) - Chairperson
Is-Sinjura Christine Camilleri (Dar Tereza Spinelli)
Is-Sinjura Doreen Camilleri (Service Area Leader DVS, Appoġġ)
Is-Sur Ashley Cumbo (YMCA)
Is-Sinjura Pamela Demicoli (Dar Merħba Bik)
Is-Sinjura Sandra Falzon (Kienet utenta tas-servizz qabel)
Is-Sinjura Pauline Mercieca (Għabex, Appoġġ)
Is-Sur Cornelius Mulvaney (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika)
Is-SinjuraStephanie Muscat (Dar Guzeppa Debono, Gozo)
Is-Sur Peter Paul Portelli (Social Worker, Gozo)
Is-Sinjura Josette Stensen (Dar Qalb ta' Gesu')
Is-Sinjura Doris Vassallo (Segretarja)

Matul l-2008-09, is-Sottokumitat dwar l-Iżvilupp tas-Servizz iddiskuta primarjament ħames suġġetti li huma:

1) L-istandards: regoli u regolamenti, li jinkorporaw il-policy tal-kunfidenzjalità u l-proċeduri fi ħdan ix-xelters tan-Nisa;
2) IL-problema ta' l-akkomodazzjoni tad-djar;
3) Il-protezzjoni mill-pulizija u t-taħriġ;
4) Is-saħħa mentali;
5) It-taħriġ u l-iżvilupp.

## 1) L-istandards: regoli u regolamenti, li jinkorporaw il-policy tal-kun fidenzjalità u l-proċeduri fi ħdan ix-xelters tan-Nisa

Il-punt ta' l-istandards huwa wieħed mit-termini referenza tal-Kummissjoni kif ġej:

"Il-Kummissjoni għandu jkollha l-funzjoni li tagħti parir lill-Ministru fuq kull aspett tal-vjolenza domestika u b'mod partikolari fuq:

e) standards għal faċilitajiet ta' kura għall-vittmi u awturi ta' vjolenza domestika, inklużi servizzi jew faċilitajiet ta' kenn pubbliċi jew privati;

(g) standards u protokolli għall-operaturi;

L-ewwel li ġie diskuss kienet il-kwistjoni tal-policies tal-kunfidenzjalità f'diversi sezzjonijiet. Ix-Xelters kollha kienu nvoluti u l-membri tas-Sottokumitat iddiskutew fit-tul x'kien hemm diġà lest kif ukoll kif dawn setgħu jkunu standarizzati. Ġie deċiż li l-materjal kollu jiġi miġbur u jingħata lill-membru tas-Sottokumitat li ukoll huwa parti mill-Kummissjoni sabiex dan il-materjal jiġi studjat u jinħarġu dawk l-elementi li huma l-istess u dawk li jvarjaw sabiex wara jinħarġu s-suġġerimenti. Laqgħa ad hoc saret speċifikament sabiex jinħarġu sett ta' regolamenti komuni u l-formoli ta' kunfidenzjalità u li dwarhom kien hemm qbil. Il-kwistjoni li jmiss li tiġi diskussa hija s-Saħħa u s-Sigurtà.

## 2) Il-problema ta' l-akkomodazzjoni tad-djar

Minħabba l-problemi ta' l-akkomodazzjoni tad-djar li jiffaċċjaw in-nisa meta jitilqu ix-xelters, kellhom jinpenjaw ruħhom biex ifittxu akkommodazzjoni alternattiva li kellha diversi konsegwenzi. Għal din il-kwistjoni għad fadal ħafna xi jsir permezz ta' diskussjonijiet sabiex kwistjonijiet speċifiċi jkunu jistgħu jitressqu quddiem l-awtoritajiet kompetenti, billi dejjem id-drittijiet tal-mara jiġu mħarsa. Jidher li l-problemi jeżistu kemm fl-akkommodazzjoni tad-djar tal-gvern kif ukoll f'akkommodazzjoni privata mikrija. Matul is-snin l-allokazzjoni tad-djar tal-gvern tjiebet iżda dan għadu mhux biżżejjed. Problemi oħra li n-nisa qed jiltaqgħu magħhom huma li jridu jipproduċu kuntratt ta' separazzjoni qabel japplikaw. L-applikazzjoni fejn qabel kienet tiġi ffirmata mill-ħaddiem soċjali relevanti, issa din trid tiġi ffirmata mill-kap ta' l-organizzazzjoni. L-Awtorità tad-Djar qed titlob ħlasijiet fir-rigward ta' riċerka li jkunu jridu jagħmlu, u li dan jeħtieġ l-intervent tal-ħaddiem soċjali biex jiġi rinunzjat. Is-Sottokumitat qed jipprova josserva din is-sitwazzjoni. F'ċerti każi, sidien privati ċaħdu lin-nisa mid-drittijiet tagħhom billi rrifjutaw li jagħtuhom ktieb tal-kera uffiċjali. Dan iċċaħħad lin-nisa milli japplikaw għas-sussidju tal-kera. Ġew diskussi kif wieħed setgħa jsolvi din il-problema. Hemm ukoll il-problema fejn in-nisa jintalbu jħallsu depożitu, li ħafna minn nisa ma jkunux jistgħu iħallsu.

Ġie deċiż li tinżamm statistika fir-rigward ta' kemm jiġu allokati djar tal-gvern kif ukoll kemm nisa jikru djar privati bil-kera sabiex din tgħin biex tiġi osservata s-sitwazzjoni.

## 3) Il-protezzjoni mill-pulizija u t-taħriġ

Il-kwistjoni tal-protezzjoni tal-pulizija għan-nisa u l-ħaddiema soċjali li jakkumpanjawhom għall-qorti ġiet diskussa fit-tul, kemm fil-laqgħat tas-sottokumitati kif ukoll f'laqgħa ad hoc mal-membri tal-Pulizija. Fl-aħħar ġie deċiż li fond speċjali jkun stabbilit bejn il-Kummissjoni u l-Appoġġ sabiex jitħallsu s-Servizzi ta' Protezzjoni privati tal-Pulizija. Dan il-fond għandhu jiġi amministrat mill-Appoġġ iżda huwa aċċessibbli għax-xelters kollha. Huwa għandu jintuża meta l-mezzi kollha l-oħra ta' ksib ta' protezzjoni tal-pulizija jkunu ġew eżawriti. Dan l-arranġament għandu jiġi rivedut wara sena.

Wara diskussjoni, il-Kummissjoni resqet proposta lill-Kummissarju tal-Pulizija li jkun hemm uffiċjal imħarreġ apposta stazzjonat f'kull shift f'kull distrett. Il-Kummissjoni ġiet infurmata mill-Kummissarju tal-Pulizija li l-uffiċjali tal-pulizija kienu qed jirċievu taħriġ dwar il-Vjolenza Domestika peress li l-uffiċjali kollha jistgħu jittrattaw każi ta' vjolenza domestika. Iċ-Chairperson talab is-servizzi rappreżentati fi ħdan is-sottokumitat sabiex jinformaw lill-Kummissjoni jekk xi diffikultajiet jinqalgħu fir-rigward rapporti ta' każi ta' vjolenza domestika fl-Ghasses tal-Pulizija, kif ukoll biex jiġu osservati eżempji ta' prattika tajba minn tal-pulizija.

## 4) Is-Saħħa Mentali

Il-kwistjoni tan-nisa li kienu qed jesperjenzaw jew li jaħarbu l-vjolenza domestika u li jkollhom ukoll id-diffikultajiet tas-saħħa mentali ġiet diskussa f'diversi okkażjonijiet. Din il-problema ġiet imqajma ħafna drabi matul is-snin, u saru diversi tentattivi sabiex tiġi solvuta, iżda l-problemi xorta waħda għadhom hemm. Ħaddiema fil-qasam tal-vjolenza domestika jħossu li għandhom nuqqas ta' taħriġ fuq is-saħħa mentali u għalhekk mhumiex kapaċi jipprovdu servizz tajjeb lil dawn in-nisa. Il-Kummissjoni għalhekk kkomunikat mal-Fondazzjoni Richmond u ġew innegozjati żewġ nofsinhari ta' taħriġ dwar is-saħħa mentali għall-ħaddiema vjolenza domestika. Dawn ġew milqugħa tajjeb għalkemm ġie nnotat li hemm il-ħtieġa ta' aktar. Il-Kummissjoni laħqet ftehim mal-Fondazzjoni Richmond, li se jkun qed joffri 100 siegħa, imħallsa mill-fondi tal-Kummissjoni, servizz ta' support worker lill-ħaddiema soċjali li jittrattaw każi ta' vjolenza domestika li jinvolvu s-saħħa mentali. Dan l-arranġament għandu jiġi rivedut fi żmien sena.

## 5) Taħriġ u l- Iżvilupp

Apparti mit-taħriġ imsemmi hawn fuq is-saħħa mentali, il-Kummissjoni hija fil-proċess ta' neguzjar ta' aċċess għall-kors ta' taħriġ Grundtvig dwar il-vjolenza domestika li jsir f'Malta. Il-Kummissjoni qed toffri l-organizzaturi l-użu ta' post mingħajr ħlas għall-kors tagħhom bi bdil ma' xi postijiet fil-kors ta' taħriġ għall-ħaddiema lokali.

Ħaddiema ta' l-Appoġġ kienet talbet l-aġenzija tagħhom li jingħata taħriġ fir-rigward tal-liġi tal-kera ġdida u kien issuġġerit li meta jseħħ dan it-taħriġ għandu jkun miftuħ għax-xelters kollha u mhux biss għall-ħaddiema ta' l-Appoġġ.

# Appendiċi Ċ

**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**Sottokumitat dwar ir-Riċerka u t-Tqabbil tad-Data**

**Rapport Annwali  Marzu 08 – Frar 09**
Albert Bell BA (Gen), BA (Hons), MA

Mwaqqaf f'Settembru 2007. is-Sottokumitat dwar ir-Riċerka u t-Tqabbil tad-Data ġie mwaqqaf bl-iskop li jistimola lill-Kummissjoni fix-xogħol tagħha sabiex tagħti pariri bbażati fuq ir-realtà tas-sitwazzjoni tal-vjolenza domestika f'Malta u dan ikun jirrifletti l-bżonnijiet ta' dawk li jużaw is-servizz u ta' dawk li kellhom esperjenza ta' vjolenza domestika. Fil-perjodu msemmi, is-Sottokumitat ta' importanza lill-żewġ oġġettivi importanti li huma  (a) li jissaħħu l-isforzi sabiex jiġu stabbiliti u standardizzati l-proċeduri ta' kif tinġabar l-informazzjoni dwar il-vjolenza domestika u (b) li jitwessa' it-tagħrif xjentifiku dwar il-policy u l-inizjattivi dwar l-iżvilupp tas-servizzi fis-settur billi jsiru studji relattati mibnija fuq l-esperjenza. Dawn l-oġġettivi ħarġu mill-isforzi li s-Sottokumitat għamel fis-sena ta' qabel sabiex jiżviluppa pjan ta' azzjoni dwar ir-riċerka u t-tqabbil ta' data dwar il-vjolenza domestika. Dak li rnexxilu jagħmel is-Sottokumitat fiż-żewġ oqsma fix-xhur li għaddew issaħħaħ l-impenn kontinwu u determinat tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika sabiex issostni u tiżviluppa rispons pro-attiv u li huwa bbażat fuq ir-riċerka dwar il-problema ta' vjolenza domestika f'Malta.

Matul il-perjodu msemmi s-Sottokumitat kien magħmul mill-membri li ġejjin:

Is-Sur Albert Bell – (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika) – Chairperson
Dr Marceline Naudi – (Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika)
Dr Maja Miljanic Brinkworth (MSOC)
Is-Sinjura Joslyn Magro Cuschieri (NSO)
L-Ispettur Trevor Sammut (Pulizija)
Is-Sinj Christine Marchand Agius (FSWS)
Is-Sur Joe Deguara (IMU, MSOC)
Dr Christine Baluci (Diviżjoni tas-Saħħa, MSOC)
Is-Sur Francis Xavier Mangion (Qrati tal-Ġustizzja, MJHA)
Is-Sinjura Doris Vassallo (MSOC) – Segretarja

Kif jidher hawn fuq, is-Sottokumitat għandu fi ħdanu esperti minn oqsma diversi kif ukoll b'idejat diversi. Dan il-mudell kompla jkun utli fl-attentati sabiex jinħolqu sinerġiji bejn l-enititajiet li jaħdmu f'dan il-qasam kif ukoll jinħoloq mudell li jkollu  r-rispons miftiehem għall-prijoritajiet ta' policy kruċjali. Dan jista' jsir billi jiġu nvoluti nies li jaħdmu f'dan il-qasam li.jaqsmu u jfasslu policy skont id-diversi esperjenzi tagħhom.

Minħabba l-Elezzjoni Ġenerali, il-Kummissjoni kellha tirreżenja skont kif jitlob il-protokol. Minħabba d-dewmien fil-konferma tal-membri tal-Kummissjoni, s-Sottokumitat waqaf  milli jiltaqa' għal xi xhur. Konsegwentement, fil-perjodu msemmi, s-Sottokumitat iltaqa' ħames darbiet fl-uffiċċju tal-Kummissjoni f'Beltissebħ. il-Furjana fid-dati li ġejjin: l-Erbgħa, 12 ta' Novembru 2008, il-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru 2008, il-Ġimgħa, 23 ta' Jannar 2009, il-Ġimgħa, 19 ta' Frar 2009 u t-Tlieta, 17 ta' Marzu 2009. Kull laqgħa damet sejra madwar sagħtejn.

Fuq livell aktar sostanzjali, dan li ġej huwa x-xogħol fil-qasir ta' dak li rnexxielu jwettaq is-Sottokumitat f'dan il-perjodu:

Sar avvanz konsiderevoli fl-introduzzjoni ta' ġbir ta' data ċentralizzata u struttura ta' analiżi li tiġbor id-data amministrattiva minn għand id-diversi entitajiet li jaħdmu f'dan il-qasam. Instabet soluzzjoni dwar ir-riżoluzzjoni minħabba kwistjoni ta' protezzjoni ta' informazzjoni  li qed tfixkel  l-avvanz u żżomm lura l-possibbiltà ta' qsim ta' informazzjoni. Dawn il-fatturi huma ta' tħassib għall-Kummissjoni u għalhekk hija determinata li fil-futur isir żvilupp f'dan ir-rigward li jiġi attwat fuq l-istandards kurrenti li jsiru fuq riċerka etika u fuq prattiċi ta' ġbir ta' informazzjoni. Hu antiċipat li l-focal point jiġbor kontinwament informazzjoni dwar il-vjolenza domestika mill-Pulizija ta' Malta u l-Aġenzija Appoġġ. Dawn l-enititajiet ġew identifikati bħala l-aktar sieħba kritiċi f'dan l-istadju minħabba l-istrutturi żviluppati ta' ġbir ta' informazzjoni dwar il-vjolenza domestika li jaqblu. Matul iż-żmien, hemm it-tama li l-focal point ikun jista' jiġbor aktar informazzjoni (li bħalissa għadha mhix żviluppata). Il-pass li jmiss huwa li jinstabu soluzzjonijiet sabiex jiġi mwaqqaf u jingħataw riżorsi lill-focal point sabiex tinġabar l-informazzjoni. Din ser tkun priorità għas-Sottokumitat fix-xhur li ġejjin.

Mill-bidu, s-Sottokumitat għaraf li r-rutina amministrattiva hija pass fil-proċess li joħloq għarfien xjentifiku dwar il-vjolenza domestika f'Malta. Dan il-proċess jirrikjedi stħarriġ ta' prevalenza kif ukoll studju esperimentali. Għalhekk, is-Sottokumitat fil-bidu tat-twaqqif tiegħu ta' prijorità lill-formulazzjoni ta' proposta dwar studju ta' prevalenza dwar il-vjolenza domestika. Matul it-terminu li għadda, din il-proposta kienet approvata mill-Kummissjoni u l-awtoritajiet relattivi, għalkemm il-fondi sabiex dan il-proġett ikun jista' jitwettaq kienu għadhom mhux approvati. Taħt il-gwida u t-tmexxija taċ-Chariperson tal-Kummissjoni, r-riżorsi finanzjarji għal dan il-proġett ġew allokati permezz tal-Fond Soċjali Ewropew u l-implimentazzjoni ta' l-ewwel studju nazzjonali ta' prevalenza dwar il-vjolenza domestika. Dan għandu jsir fis-sena li ġejja.

F'dan il-perjodu msemmi, is-Sottokumitat reġa' ta' priorità lill-istudju li sar fl-2003 bit-titlu "Domestic Violence against Women: Perceptions of the Maltese General Public" u li kien sar mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika (NSO). Fl-istudju li reġa' sar fl-2008 kien iddentifikat bħala l-iskop ewlieni tas-Sotokumitat li jassigura riċerka vasta dwar strateġija dwar il-vjolenza domestika f'Malta. Dan l-istudju fil-fatt sar bejn Novembru u Diċembru 2008 u s-Sottokumitat issa qiegħed f'pożizzjoni li joħroġ rapport komplut ta' dan l-istudju segwenti (li kien ikkummissjonat lill-NSO mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika sabiex jiġi ffaċilitat it-tqabbil tar-riżultati u l-istandardizzazzjoni tal-proċedura u l-metodoloġija). Ir-rapport finali li ser ikun ippubblikat dalwaqt, jinkludi l-għanijiet u l-oġġettivi ta' dan l-istudju, id-definizzjonijiet użati, il-metodoloġija u l-proċedura tar-riċerka ta' l-istudju u l-konklużjonijiet (jinkludu wkoll tqabbil kwalifikat mar-rapport li sar fl-2003). Ir-rapport ser joffri wkoll inter alia possibbiltajiet sabiex jinħolqu prevenzjoni soda u kampanji ta' għarfien permezz tal-media bbażati fuq informazzjoni xjentifika.

Minkejja dawn il-prioritajiet sinifikanti, s-Sottokumitat jirrikkonoxxi li aktar sforz hu bżonjuż fir-rigward ta' aktar oqsma relattati li jiġu dentifikati bħala importanti għal titjib f'dan is-settur. Dan jinkludi speċjalment l-implimentazzjoni ta' evalwazzjoni ta' servizz fil-vjolenza domestika sabiex jiġu ddentifikati l-limiti tas-servizz u l-lacunae li jeżistu meta jingħata s-servizz. Fit-terminu li ġej, is-Sottokumitat ser iħares lejn dan is-servizz kruċjali filwaqt li jaċċerta t-tlestija f'waqtha tal-proġetti msemmija.

# Appendiċi D

**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**Sottokumitat għal Kampanja Nazzjonali ta' Informazzjoni**

**Rapport Annwali Marzu 08-Frar 09**

Waħda mit-termini ta' referenza tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika hija dik li tqajjem għarfien fost il-pubbliku in ġenerali u kien għalhekk li f'Ottubru 2007 twaqqaf is-Sottokumitat dwar Kampanja ta' Għarfien. F'Marzu 2009, minħabba l-elezzjoni ġenerali, il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika kellha tirrezenja skont kif jitlob il-protokol. Minħabba d-dewmien sabiex il-membri tal-Kummissjoni jerġgħu jiġu kkonfermati, is-Sottokumitat ma ltaqax għal xi xhur. Fl-istess żmien, il-Kummissjoni rċeviet talba mingħand l-Aġenzija Appoġġ (l-Aġenzija Msemmija skont l-Att dwar il-Vjolenza Domestika 2006) sabiex titnaqqas l-kampanja ta' għarfien u dan minħabba li kull darba li kienet issir xi attività, kien qed ikun hemm żieda fin-numru ta' każi li jiġu riferuti lid-Domestic Violence Unit. Dan kien irrizulta f'aktar xogħol għas-sezzjoni li għandha nuqqas ta' ħaddiema soċjali. Wara ħafna diskussjonijiet ġie deċiż li għalissa dan is-Sottokumitat ma jerġax jiġi mwaqqaf.

Għalhekk fil-perjodu msemmi, iċ-Chairperson u l-membri ħadu sehem f'numru limitat ta' attivitajiet ta' għarfien għall-pubbliku in ġenerali. L-attivitajiet li saru ġew organizzati billi twaqqfu task groups speċifiċi fi ħdan il-Kummissjoni jew billi l-Kummissjoni ġiet avviċinata minn aġenziji oħrajn. Huwa ppjanat li dan is-Sottokumitat jerġa' jibda jiltaqa' fis-sena li ġejja.

L-attività prinċipali ġiet organizzata f'Novembru 2008 sabiex ifakkar il-Jum Internazzjonali għall-eliminazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa. It-task group mwaqqaf apposta għal dan il-għan kien magħmul mill-Ispettur Louise Calleja, Sr Joan Garner, Is-Sur Cornelius Mulvaney u is-Sinjura Doris Vassallo bħala Segretarja. L-għan tas-Seminar kien immirrat lejn il-Ġudikatura, l-Avukati, l-Pulizija u l-Ħaddiema Soċjali. Għal dan is-seminar ġiet mistiedna esperta barranija mill-Awstrija, l-Imħallef Sylvia Thaller li kienet il-kelliema ewlenija. [14]

Iċ-Chairperson u l-membri tal-Kummisjoni ħadu sehem f'diversi programmi matul is-sena. Dawn kienu jinkludu:

- Parteċipazzjoni fi programm tar-Radju Campus Cocktail fuq Campus FM immexxi minn Fr Joe Borg nhar l-Erbgħa 12 ta' Marzu 2008, u kien repetut il-Ġimgħa 14 ta' Marzu 2008 (Dr Marceline Naudi).

- Parteċipazzjoni permezz ta' interview mis-Sinjura Claire Azzopardi fuq il-programm l-Ewropej fuq Net TV nhar il-Gimgħa 30 ta' Mejju 2008 (Dr Marceline Naudi).

- Parteċipazzjoni fil-programm Gustizzja mxandar fuq Family TV nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru 2008 (Dr Roberta Lepre' Camilleri).

- Parteċipazzjoni fil-programm Wara l-Ahbarijiet permezz ta' interview telefoniku fuq l-RTK nhar l-Erbgħa 1 ta' Diċembru 2008 (Dr Marceline Naudi).

- Parteċipazzjoni fil-programm QalbinNies fuq PBS nhar il-Ħadd 08 ta' Frar 2009 (Dr Marceline Naudi, Inspector Louise Calleja).

Il-Kummissjoni ħarġet diversi stqarrijijiet għall-istampa f'diversi okkazjonijiet li jinkludu:

- Ir-rapprezentant ta' Malta fil-konferenza tal-għeluq tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-vjolenza domestika maħruġa fis-17 ta' Ġunju 2008

- Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika tipprezenta t-tieni rapport tagħha maħruġa fit-30 ta' Settembru 2008

- Naħdmu flimkien kontra l-vjolenza domestika maħruġa fil-25 ta' Novembru 2008

*[14] Jekk jogħġbok ara Appendiċi Ġ għar-rapport tas-sseminar*

Issa li l-Kummissjoni ngħatat il-flus mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja mill-Fond Soċjali Ewropew għall-proġett 'Dignity for Domestic Violence Survivors'. Aktar attivitajiet ta' tkabbir ta' konoxxenza ser jiġu organizzati bl-enfasi l-aktar dwar ir-relazzjoni li hemm bejn il-vjolenza domestika u n-nisa bla xogħol. Dan il-proġett ser isir fis-snin li ġejjin fuq livell nazzjonali, fost il-professjonisti u l-pubbliku in ġenerali, sabiex issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-atturi kollha u tippromwovi kultura ta' 'tolleranza zero' għall-vjolenza domestika fost il-poplu Malti kollu.

# Appendiċi E

**Rapport 2008/09 dwar il-Grupp DAPHNE mwaqqaf mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**

Dr Marceline Naudi hija r-rappreżentanta ta' Malta għall-fond taħt il-programm DAPHNE li tappoġġja azzjonijiet biex tiġġieled kull tip ta' vjolenza kontra t-tfal, żgħażagħ u nisa fl-Ewropa. Il-Kummissjoni ħasset il-ħtieġa li sejjaħ laqgħa ma' l-entitajiet potenzjalment interessati u eliġibbli biex tinfurmahom dwar il-fondi mid-DAPHNE u tiddeċiedi dwar kif inhu l-aħjar għal Malta biex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-fondi.

Wara din il-laqgħa, twaqqaf grupp biex jippruvaw jissottomettu applikazzjoni konġunta għall-fondi għall-proġett taħt id-DAPHNE III. Diversi entitajiet li kienu esprimew interess ġew ikkuntattjati u mistiedna biex tattendi dan il-forum. Dawn kienu: il-Fondazzjoni għal Ħarsien ta' Servizzi Soċjali (FSWS); is-Sorijiet tal-Bon Pastur; Fondazzjoni Suret il-Bniedem; Dar Qalb ta' Gesu (li jaqgħu taħt id-Djar tat-Tfal tad-Djocesi); Konservatorju Vincenzo Bugeja; Kunsill Nazzjonali tan-Nisa; Malta Konfederazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet tan-Nisa (MCWO).

Grupp żgħir li kien jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Fondazzjoni għall-Ħarsien ta' Servizzi Soċjali (FSWS), is-Sorijiet tal-Bon Pastur, Fondazzjoni Suret il-Bniedem u Malta Konfederazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet tan-Nisa (MCWO) ltaqgħu regolarment biex jitfassal proġett li jilħaq il-bżonnijiet kbar tas-settur skont l-prijoritajiet tal-Programm DAPHNE III. Il-laqgħat kienu jissejħu u jsiru fl-uffiċċju tal-Kummissjoni. Il-laqgħat kienu jitmexxew miċ-Chairperson Dr Marceline Naudi. Il-grupp iltaqa' fid-dati li ġejjin: 07 ta' Marzu 2008, 10 ta' Marzu 2008, 01 ta' April 2008, 10 ta' April 2008, 12 ta' Ġunju 2008, 02 ta' Lulju 2008, 21 ta' Ottubru 2008, 07 ta' Novembru 2008, 14 ta' Novembru 2008 u 05 ta' Diċembru 2008.

Il-grupp ukoll ipprova jiġbor fondi permezz ta' sponsorizzazzjoni mis-settur privat biex ikopru parti mill-ko-finanzjament (20%).

Sa tmiem Marzu 2009 tfassal pjan għall-proġett, u diversi entitajiet, kemm lokali kif ukoll Ewropeja, kienu kkuntattjati. Il-kitba ta' l-applikazzjoni kienet għada trid issir, għalkemm ir-riċerka u l-kitba tal-proġett kien għadu għaddej.

Il-Grupp Daphne se jkompli jiltaqa' biex jiffinalizza l-ħidma tiegħu. Sottomissjoni tal-proġett trid issir f'April 2009.

# Appendiċi F

**Suġġerimenti għal titjib tal-Qafas Ġuridiku li għandhom x'jaqsmu mal-Vjolenza Domestika**

**1. Protezzjoni tal-persuna li kellhom esperjenza ta' vjolenza domestika**

a. Il-liġi l-ġdida tippermetti għall-ordnijiet ta' protezzjoni li għandhom jinħarġu biex jgħinu jipproteġu l-vittma, mhux biss fil-każi kriminali iżda wkoll f'każi ta' separazzjoni. Huwa ċar li, sabiex ikunu effettivi dawn għandhom jinħarġu b'urġenza. Bħalissa l-ordnijiet għall-protezzjoni tagħna huma maħruġa minn qorti; madankollu t-tul ta' żmien li huwa meħtieġ għal tali sabiex jinħarġilhom spiss idgħajjef l-effett ta' din il-miżura. Għalhekk wieħed jista' jew jiġi stabbilit limitu ta' żmien li fih il-qorti għandha tisma' każ ta' fastidju, vjolenza jew biża' ta' vjolenza domestika, li għandha fl-ebda każ taqbeż ġimgħatejn, jew jippermettu lill-pulizija jew l-uffiċċju ta' l-avukat ġenerali li jkollhom kompetenza biex dawn joħorġu l-ordnijiet. Fi kwalunkwe każ, ir-riżorsi xierqa għandhom jiġu allokati sabiex din il-miżura tkun possibbli.

b. Huwa ssuġġerit li l-ordnijiet ta' protezzjoni għandu jkunu maħruġa awtomatikament mill-Qrati fil-każi ta' vjolenza domestika aktar milli jkollhom jiġu mitluba kif inhu l-każ bħalissa.

c. Huwa rakkomandat li, fir-rigward tal-vjolenza domestika, l-każi ta' ksur tal-kundizzjonijiet ta' pleġġ, ordnijiet ta' protezzjoni u l-ordnijiet ta' probation, għandhom jinstemgħu b'urġenza.

d. Huwa qed jiġi ssuġġerit li l-pulizija jista' jkollhom is-setgħa li jintervjenu u li jkunu jistghu jneħħu immedjatament dak li wettaq ir-reat mid-dar tal-vittma. L-ordni tista' tiġi deċiża jew mill-pulizija, jew il-prosekutur pubbliku jew il-qorti. Sabiex tinħareġ l- ordni m'għandhiex tiddependi fuq ir-rieda tal-vittma, speċjalment peress li l-vjolenza domestika għandha tiġi ttrattata bħala materja ta' politika pubblika u sigurtà pubblika. L-ordni għandha tinħareġ jekk jista' jiġi preżunt fuq il-bażi ta' ċerti fatti li l-attakk fuq is-sigurtà fiżika ta' individwu hija imminenti. Huwa importanti li l-pulizija jagħmlu l-vittma kif ukoll l-awtur konxju tal-fatt li l-ordni tal-pulizija hija maħruġa ex officio, mhux għax il-vittma tkun tixtieq hekk. Din l-ordni għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu qasir ta' żmien (10-20-il jum fl-Awstrija) li matulu l-vittma tista' tapplika għall-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni permezz tal-Qorti, mingħajr dewwiem.

e. Matul dan il-perjodu, il-vittma għandha tiġi msejħa minn aġenzija speċjalizzata fejn jiġi provdut appoġġ għall-vittmi (legali u psikoloġiċi) biex tkun tista' tfassal il-possibbilitajiet tagħha. Għandu jkun hemm bażi legali għal dan l-intervent, li jistabbilixxi, inter alia, fejn l-uffiċjal ta' infurzar tal-liġi huma meħtieġa sabiex jagħti pariri lill-mara li tinsab f'riskju dwar is-servizzi xierqa għall-protezzjoni tal-vittmi. Barra minn dan l-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi għandhom jingħataw is-setgħa mil-liġi li tiżvela d-data personali ta' każi ta' vjolenza domestika sabiex il-faċilitajiet ta' protezzjoni tal-vittmi jiġu addattati sabiex jipproteġu individwi fir-riskju. Il-faċilitajiet ta' appoġġ għall-vittma għandhom ikunu nfurmati dwar il-proċedura ta' intervenzzjoni u l-imġiba ta' l-awtur li huma ta' importanza għall-ħidma tagħhom. Dawn is-servizzi ta' appoġġ lill-vittmi mbagħad jingħataw is-setgħa biex jintervjenu ma' l-vittma, u jipprovdu servizzi ta' pariri b'xejn u servizzi oħra ta' appoġġ li jista' jtemm il-vjolenza fit-tul. Riżorsi xierqa għandhom ikunu allokati sabiex din il-miżura tkun possibbli.[14]

f. Il-liġi tippermetti li jħaffu l-proċessi ta' separazzjoni li jinkludu l-vjolenza domestika, u tiddikjara li dawn għandhom jinstemgħu fi żmien erbat ijiem minn meta jiġi ppreżentat, iżda dan mhux dejjem iseħħ. Ladarba dawn jidhru fil-qorti, l-ordnijiet il-protezzjoni jistgħu jinħarġu għal perjodu temporanju, sakemm jitkompla l-każ. Din il-miżura ta' protezzjoni, applikabbli għal persuni miżżewġin taħt il-kodiċi ċivili, għandha tiġi estiża għall-persuni mhux miżżewġin (fejn il-vjolenza domestika teżisti jew kienet teżisti) involuti f'kawżi ċivili, bħal kawżi għall-manteniment tat-tfal.

g. Suġġeriment ieħor li jgħinu jipproteġu l-persuni li jesperjenzaw vjolenza domestika hija li tikkunsidrhom bħala "vulnerabbli" u jippermettulhom li jagħtu x-xhieda tagħhom permezz ta' video link peress li meta jiffaċċjaw l-awtur allegat jikkawża trawma ulterjuri. Dan jippermetti li biex huma jidħlu u jħallu l-qrati joffrilhom sigurtà akbar u l-paċi tal-moħħ. Dan għandu jsir prattika aċċettata.

**2. Protokolli** bejn dawk li jipprovdu s-servizzi rilevanti għandhom jiġu adottati bħala avviżi legali biex tiġi żgurata l-infurzar tagħhom. Dan ser jassigura li jiġi mplimentat atteġjament olistiku li huwa meħtieġ.

*[14] Bħalissa hemm applikazzjoni pendenti għal fondi tal-FSE minn naħa ta' Victim Support Malta, flimkien mal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika u l-Konfederazzjoni Maltija ta' l-Organizzazzjonijiet tan-Nisa biex tkopri d-disposizzjonijiet ta 'dan it-tip ta' servizz.*

### 3. Medjazzjoni

Hemm skadenza ta' żmien minn meta l-każ jiġi ppreżentata għal meta ssir l-ewwel sessjoni ta' medjazzjoni, hekk li jerġa' jżid mad-dewmien taż-żmien (possibilment minħabba nuqqas ta' riżorsi umani). Barra minnhekk, it-taħriġ għall-medjaturi juri ċar li fil-każi ta' vjolenza domestika il-medjazzjoni għandha titwaqqaf minnufih u l-partijiet għandhom jiġu riferiti lill-qorti sabiex tinbeda l-kawża immedjatament. Sfortunatament dan ma jidhirx li qed jiġri. Dan għal darb'oħra jikkawża dewmien fil-ħruġ tal-miżuri ta' protezzjoni, u b'hekk iżid ir-riskju ta' vjolenza għall-vittmi. Dan iżid ukoll it-trawma li jkunu għaddew minnu n-nisa li jkollhom jidhru diversi drabi ma' l-allegat filwaqt li mhumiex legalment protetti. Ġie ssuġġerit li din is-sitwazzjoni tista' tkun dovuta kemm għall-fatt li l-medjaturi ma jimxux mat-taħriġ mogħti, kif ukoll għal xi Imħallfin/Maġistrati li jinsistu li jsiru diversi sessjonijiet qabel il-każ jidher quddiemhom għal-litigazzjoni. Bir-rispett kollu għall-indipendenza tal-Qorti, filwaqt li dan jista' jkun xieraq f'każi ta' separazzjoni oħra, f'każi ta' vjolenza domestika ma jidhirx li qed isservi għall-iskop tal-ġustizzja. Ġie ssuġġerit ukoll li jkun il-każ li is-servizzi ta' medjazzjoni taċċetta affidavit min-naħa tal-persuna li tesperjenza vjolenza domestika sabiex tipprevjieni milli jkollha tiffaċċja l-allegat aggressur tagħha.

### 4. Ħarsien tal-ħaddiema

Xi Maġistrati/Imħallfin jinsistu li l-ħaddiema li jagħtu evidenza jagħtu d-dettalji personali tagħhom fil-qorti, fil-preżenza ta' l-awtur allegat. Dan ikun jinkludi l-isem tagħhom, numru ta'l-identità u l-indirizz tagħhom. Dan jipperikola s-sigurtà tagħhom speċjalment peress li ħafna drabi jkunu jridu jagħtu xhieda kontra l-awtur allegat. Hemm Maġistrati/Imħallfin oħrajn li jaċċettaw li jagħtu biss l-isem tagħhom, u mbagħad jagħti l-indirizz ta' l-aġenzija fejn huma impjegati, peress li hemm qegħdin jippreżentaw lill-aġenzija. F'dan il-każ xi direzzjoni għall-ġudikatura tkun ta' benefiċċju.

**5. Ordni** temporanju għall-kura u kustodja, il-manutenzjoni u l-aċċess għat-tfal għandhom jinħarġu malajr. Huwa ssuġġerit li l-każi kollha, kemm ċivili u kriminali li jinvolvu vjolenza domestika huma fast tracked.

### 6. Talba Waqfien tal-Proċedimenti

Bil-liġi l-ġdida l-uffiċjali tal-pulizija jeħtieġ li jipproċedu ex Ufficio, għalhekk il-vittmi għandhom jingħataw l-opportunità li jitolbu lill-Qorti għall-waqfien tal-proċeduri meta l-każ jkun inbeda. Id-deċiżjoni mbagħad tittieħed mill-ġudikatura konċernati. Qed jiġi ssuġġerit li f'każi bħal dawn il-Ġudikatura jkollhom bżonn li l-vittma tispjega lill-Qorti tal-Ġustizzja r-raġunijiet tagħha/tiegħu għal din it-talba, biex jiġi żgurat li ma saritx pressjoni fuq il-vittma (possibilment mill-awtur jew membri oħra tal-familja) biex titlob dan il-waqfien.

### 7. L-Att dwar il-Vjolenza Domestika - Kapitolu 481

Emenda għall-Parti II 3 (i) Għandu jkun hemm Kummissjoni li tissejjaħ il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika li għandha tkun komposta minn President u mhux inqas minn erba' membri oħra ... ....

Hemm ħafna xogħol xi jsir mill-kummissjoni, li mill-inqas tmien membri għandu jiffaċilità li jsir ix-xogħol ippjanat.

# Appendiċi Ġ

**Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika**
**Working together to combat Domestic Violence – 2008**

**Rapport tas-Seminar**
Inspector Louise Calleja Dip in Mngt. Studies, (Reading an MBA)

Fil-25 ta' Novembru 2008. meta tfakkar l-Jum Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa, il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika organizzat seminar ta' ġurnata bit-titlu Working together to combat Domestic Violence. Dan is-seminar sar fis-Sala ta' Dar il-Meditterran għall-Konferenzi u għalih attendew persuni minn diversi organizzazzjonijiet li huma nvoluti direttament u indirettament mal-problema tal-vjolenza domestika.Il-parteċipanti kienu jinkludu ħaddiema soċjali, pulizija, avukati u maġistrati.

L-Onorevoli John Dalli, Ministru għall-Politika Soċjali, għamel il-messaġġ tal-ftuħ tas-seminar, fejn issemmiet l-importanza li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika. Huwa spjega li sabiex nilħqu dan il-għan, irridu nassiguraw li r-riżorsi li jeżistu jkunu effettivi u effiċjenti kif ukoll li naħdmu flimkien. Il-Ministru rrimarka wkoll li għandha titnaqqas il-burokrażija/red tape żejda biex b'hekk r-riżorsi jkunu jistgħu jintużaw aħjar u b'mod aktar kostruttiv. Il-Ministru Dalli semma' bi pjaċir l-inizjattiva li ħadet il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika sabiex tlaqqa' d-diversi professjonisti mid-diversi oqsma sabiex tħeġġeġ il-kommunikazzjoni aħjar bejniethom. Huwa kkonkluda billi rringrazzja l-professjonisti kollha li jaħdmu fis-settur tal-vjolenza domestika ghad- dedikazzjoni u l-perseveranza tagħhom.

Wara, f'isem il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika, Dr Marceline Naudi għamlet il-messaġġ tal-ftuħ. Dr Naudi tkellmet fuq ix-xogħol tal-Kummissjoni u dwar l-ideja li jiġi organizzat dan is-seminar.

Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika stiednet lil Dr Silvia Thaller, mill-Ġudikatura Awstrijaka bħala l-kelliema ewlienija għal dan is-seminar. Dr Thaller tat ħarsa lejn is-sitwazzjoni tal-vjolenza domestika fl-Awstrija fejn elenkat tliet pilastri li fuqhom hu bbażat il-mudell Awstrijak:

1) ordnijiet ta' tkeċċija u żbarrament imposti mill-pulizija;
2) ċentri speċjalizzati ta' intervenzjoni fejn l-Organizzazzjonijiet Volontarji speċjalizzati f'dan il-qasam ikollhom rwol ta' importanza li jagħtu sapport lill-vittma;
3) konsulenza u sapport bla ħlas ipprovdut miċ-ċentri ta' intervenzjoni.

Wara l-preżentazzjoni tagħha, Dr Thaller stiednet lill-parteċipanti sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom fuq is-sistema legali ta' l-Awstrija. Fil-fatt, saru diversi interventi relevanti mill-parteċipanti lill-kelliema ewlenija.

Wara waqfa qasira għal kafè, il-panel 'working together' magħmul minn diversi esperti minn organizzazzjonijiet diversi mexxa diskussjoni round table fejn taw informazzjoni dwar ir-responsabbiltajiet ta' kull wieħed fejn jidħol każ ta' vjolenza domestika. F'din il-parti, l-intervent ewlieni sar minn mara li għaddiet minn esperjenza ta' vjolenza domestika.

Wara bibita, is-seminar kompla b'workshops fejn kull grupp kellu żewġ mistoqsijiet għad-diskussjoni. Is-suġġetti kienu: "Kif wieħed jista' jikkopera aktar bħala professjoni?" u "Kif jista' jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn il-professjonisti?" Wara ġie rappurtat dak li ġie diskuss f'kull grupp mill-moderatur ta' kull grupp. Ħafna nuqqasijiet ġew iddentifikati fil-qasam u ġew preżentati liċ-Chairperson għall-azzjoni meħtieġa. Fost l-oħrajn dawn kienu jinkludu nuqqas ta' taħriġ għall-professjonisti, emendi fil-miżuri legali, aktar ko-oerazzjoni bejn l-entitajiet u l-bżonn ta' protokoli għad-diversi entitajiet li jaħdmu f'dan il-qasam.

Id-diskors ta' l-għeluq tas-seminar sar mill-Onorevoli Carmelo Mifsud Bonnici, Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern. Fid-diskors tiegħu, ġie enfasizzat il-fatt li minħabba d-diffikultà li hemm sabiex tiġi ndirizzata il-problema ta' vjolenza domestika, hemm bżonn ta' involviment tad-diversi istituzzjonijiet li jinkludu il-leġislaturi, l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi, il-Ġudikatura, strutturi edukattivi, organizzazzjonijiet volontarji u fuq kollox il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika. Huwa stqarr li l-vjolenza domestika teħtieġ azzjoni miftiehma, billi l-entitajiet varji jiltaqgħu flimkien sabiex jaqsmu l-konnoxxenza dwar il-vjolenza domestika u dan iwassal biex din il-problema tiġi ndirizzata b'mod sħiħ. Il-Ministru kkonkluda billi stqarr li din l-attività laqqgħet flimkien l-entitajiet kollha u esprima l-ħtieġa li din l-attività għandha ssir b'mod regolari.